Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma dawk ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Dawk it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

►B REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/220

tat-3 ta' Frar 2015

li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 li jistabbilixxi netwerk għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabbiltà dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fl-Unjoni Ewropea

(ĠU L 46, 19.2.2015, p. 1)

Emendat minn:

			Ġurnal Uffiċjali		
			Nru	Paġna	Data
►M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2323 tal-11 ta' Diċembru 2015		L 328	97	12.12.2015
►M2	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/2129 tal-5 ta' Diċembru 2016		L 331	1	6.12.2016
►M3	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2280 tal-11 ta' Diċembru 2017		L 328	12	12.12.2017
►M4	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1794 tal-20 ta' Novembru 2018		L 294	3	21.11.2018
►M5	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1975 tal-31 ta' Ottubru 2019		L 308	4	29.11.2019
►M6	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1652 tal-4 ta' Novembru 2020		L 372	1	9.11.2020

Ikkoreġut minn:

►C1 Emendi, Ġ.U. L 91, 5.4.2017, p. 41 (2015/220)

►C2 Emendi, Ġ.U. L 152, 15.6.2018, p. 61 (2015/220)

►C3 Emendi, Ġ.U. L 152, 15.6.2018, p. 61 (2017/2280)

▼B

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/220

tat-3 ta' Frar 2015

li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1217/2009 li jistabbilixxi netwerk għall-ġbir ta' informazzjoni tal-kontabbiltà dwar id-dħul u l-operazzjoni kummerċjali ta' azjendi agrikoli fl-Unjoni Ewropea

KAPITOLU 1

IL-QASAM TA' STHARRIĠ U L-PJAN TAL-GĦAŻLA

Artikolu 1

Il-limitu tad-daqs ekonomiku

Il-limiti tad-daqs ekonomiku msemmi fl-ewwel sottoparagrafu tal-Artikolu 5(1) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 huma stabbiliti fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-għadd ta' azjendi prospettanti

▼C1

L-għadd ta' azjendi prospettanti għal kull Stat Membru u għal kull taqsima tan-Netwerk tal-►C2 Informazzjoni ◄ tal-Kontabilità Agrikola (FADN) kif imsemmi fl-Artikolu 5a(2) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 huwa stabbilit fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

▼B

Artikolu 3

Il-pjan tal-għażla

1. Il-mudelli u l-metodi tal-forma u l-kontenut tal-►C2 informazzjoni ◄ msemmija fl-Artikolu 5*a* (4) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 huwa stabbilit fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'mezz elettroniku, mhux aktar tard minn xahrejn qabel il-bidu tas-sena ta' kontabbiltà li magħha huwa marbut il-pjan tal-għażla, b'dan il-pjan imsemmi fl-Artikolu 5*a* (1) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 li jkun ġie approvat mill-Kumitat Nazzjonali msemmi fl-Artikolu 6(2) ta' dak ir-Regolament.

▼M1

Il-Finlandja u l-Kroazja jistgħu jirrevedu l-pjanijiet tal-għażla rispettivi li nnotifikaw għas-sena fiskali 2016. Sal-31 ta' Marzu 2016, għandhom javżaw lill-Kummissjoni bil-pjanijiet tal-għażla rispettivi tagħhom għal dik is-sena fiskali.

▼M2

Il-Bulgarija, id-Danimarka u l-Awstrija għandhom jirrevedu l-pjanijiet tal-għażla rispettivi li nnotifikaw għas-sena fiskali 2017. Sal-31 ta' Marzu 2017, għandhom javżaw lill-Kummissjoni bil-pjanijiet tal-għażla rispettivi tagħhom għal dik is-sena fiskali.

▼M3

il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, ir-Rumanija u l-Finlandja għandhom jirrevedu l-pjanijiet tal-għażla rispettivi li nnotifikaw għas-sena tal-kontabbiltà 2018. Huma għandhom javżaw lill-Kummissjoni bil-pjanijiet tal-għażla riveduti rispettivi tagħhom għal dik is-sena tal-kontabbiltà sal-31 ta' Marzu 2018.

▼B

KAPITOLU 2

IT-TIPOLOĠIJA TAL-UNJONI GĦALL-AZJENDI AGRIKOLI

Artikolu 4

Tipi partikolari ta' speċjalizzazzjoni tal-biedja.

Il-metodi għall-kalkolu ta' tipi partikolari ta' speċjalizzazzjoni tal-biedja, kif imsemmijin fl-Artikolu 5*b* (3) tar-Regolament (KE Nru 1217/2009 u l-korrispondenza ma' tipi ta' biedja ġenerali u ewlenin kif imsemmija f'dak l-Artikolu huma stabbiliti fl-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Id-daqs ekonomiku tal-azjenda

Il-metodu biex jiġi kkalkulat id-daqs ekonomiku ta' azjenda, imsemmi fl-Artikolu 5*b* (4) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 u l-klassifiki tad-daqs ekonomiku msemmija fl-Artikolu 5*b* (1) ta' dak ir-Regolament huma stabbiliti fl-Anness V ta' dan ir-Regolament.

▼M5

Artikolu 6

Il-koeffiċjent tal-produzzjoni standard u l-produzzjoni standard totali ta' azjenda

1. Il-metodu tal-kalkolu biex jiġi determinat il-koeffiċjent tal-produzzjoni standard ta' kull karatteristika kif imsemmi fl-Artikolu 5b(2) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, u l-proċeduri għall-ġbir tad-*data* korrispondenti huma stabbiliti fl-Annessi IV u VI ta' dan ir-Regolament.

Il-koeffiċjent tal-produzzjoni standard tal-karatteristiċi differenti ta' azjenda kif imsemmi fl-Artikolu 5b(2) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 għandu jiġi determinat għall-varjabbli tal-għelejjel u tal-bhejjem elenkati fil-Parti B.I tal-Anness IV ta' dan ir-Regolament u għal kull unità ġeografika msemmija fil-punt 2(b) tal-Anness VI ta' dan ir-Regolament.

2. Il-produzzjoni standard totali ta' azjenda għandha tinkiseb b'multiplikazzjoni tal-koeffiċjent tal-produzzjoni standard ta' kull varjabbli tal-għelejjel u tal-bhejjem mal-għadd ta' unitajiet korrispondenti.

▼B

Artikolu 7

Attivitajiet oħra ta' qligħ relatati direttament mal-azjenda

L-attivitajiet l-oħrajn ta' qligħ li huma direttament marbutin mal-azjenda, kif imsemmi fl-Artikolu 5*b* (5) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, huma ddefiniti fil-Parti A tal-Anness VII ta' dan ir-Regolament. L-importanza ta' dawn għandha tiġi espressa bħala firxa ta' perċentwali. Dawk il-firxiet tal-perċentwali huma stabbiliti fil-Parti C tal-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

▼B

Il-metodu ta' kif tiġi stmata l-importanza tal-attivitajiet ta' qligħ imsemmijin fl-ewwel paragrafu huwa stabbilit fil-Partijiet B u C tal-Anness VII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 8

In-notifikazzjoni tal-produzzjonijiet standard u l-►C2 informazzjoni ◄ biex dawn jiġu ddeterminati

1. L-Istati Membri għandhom jippreżentaw il-produzzjonijiet standard u l-►C2 informazzjoni ◄ għad-determinazzjoni tagħhom lill-Kummissjoni (Eurostat) kif imsemmi fl-Artikolu 5*b* (6) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 għal perjodu ta' referenza tas-sena N qabel il-31 ta' Diċembru tas-sena N+3.

2. Biex jippreżentaw l-►C2 informazzjoni ◄ msemmija fil-paragrafu 1 l-Istati Membri għandhom jużaw is-sistemi komputerizzati li poġġiet għad-dispożizzjoni tagħhom il-Kummissjoni (Eurostat) għal dak l-għan.

KAPITOLU 3

IL-PREŻENTAZZJONI TAL-PROSPETTI TAL-BIEDJA U TAL-►C2 INFORMAZZJONI ◄ LILL-KUMMISSJONI

Artikolu 9

Il-forma u t-taqsim tal-prospett tal-biedja

Il-forma u t-taqsim għall-preżentazzjoni tal-►C2 informazzjoni ◄ tal-kontabbiltà msemmija fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, kif ukoll l-istruzzjonijiet marbuta magħhom huma stabbiliti fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 10

Il-metodi u l-iskadenzi għall-preżentazzjoni tal-►C2 informazzjoni ◄ lill-Kummissjoni

1. Il-prospetti tal-biedja għandhom jitressqu lill-Kummissjoni mill-aġenzija ta' kollegament imsemmija fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru1217/2009 permezz ta' sistema ta' twassil u kontroll komputerizzata, kif imsemmija fl-Artikolu 19(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009. L-informazzjoni meħtieġa għandha tinbagħat elettronikament abbażi tal-mudelli disponibbli għall-aġenzija ta' kollegament permezz ta' dik is-sistema.

2. L-Istati Membri għandhom ikunu infurmati dwar il-kundizzjonijiet ġenerali għall-implimentazzjoni tas-sistema komputerizzata msemmija fil-paragrafu 1 permezz tal-Kumitat għan-Netwerk tal-►C2 Informazzjoni ◄ dwar il-Kontabbiltà Agrikola.

3. Il-prospetti tal-biedja għandhom jitressqu lill-Kummissjoni sal-31 ta' Diċembru wara t-tmiem tas-sena ta' kontabbiltà inkwistjoni.

L-Istati Membri li ma setgħux jippreżentaw l-►C2 informazzjoni ◄ tal-prospetti tal-biedja tal-2012 fil-limitu taż-żmien stabbilit fl-ewwel sottoparagrafu, jistgħu jressqu l-prospetti tal-biedja sa tliet xhur wara l-iskadenza msemmija fl-ewwel sottoparagrafu.

▼M6

Fil-każ ta' ċirkostanzi eċċezzjonali li jistgħu jfixklu t-twassil tad-*data*, l-Istati Membri għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar l-istatus tal-ġbir tad-*data* u t-twassil tad-*data* kif ukoll jipproponu soluzzjoni għat-twassil tad-*data*. Wara l-analiżi tal-informazzjoni pprovduta, il-Kummissjoni tista' testendi darba b'mod eċċezzjonali l-iskadenza msemmija fl-ewwel subparagrafu b'massimu ta' tliet xhur.

▼B

4. Il-prospetti tal-biedja jitqiesu li jkunu twasslu għand il-Kummissjoni ladarba l-►C2 informazzjoni ◄ tal-kontabbiltà msemmija fl-Artikolu 9 tkun iddaħħlet fis-sistema ta' twassil u kontroll imsemmija fil-paragrafu 1, ladarba jkunu twettqu l-kontrolli komputerizzati sussegwenti, u ladarba l-aġenzija ta' kollegament tkun ikkonfermat li l-►C2 informazzjoni ◄ hija lesta biex tiddaħħal f'dik is-sistema.

KAPITOLU 4

IL-MIŻATA STANDARD

Artikolu 11

Il-prospetti tal-biedja debitament mimlija

Għall-għanijiet tal-Artikolu 19(1)a tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, prospett tal-biedja jkun mtela debitament meta l-kontenut tiegħu jkun preċiż fil-fatti u tal-►C2 informazzjoni ◄ tal-kontabbiltà li jkun fih tkun irreġistrata u ppreżentata skont il-forma u t-taqsim stabbiliti fl-Anness VIII ta' dan ir-Regolament.

▼M5

L-uffiċċji tal-kontabbiltà u d-dipartimenti amministrattivi li jwettqu dmirijiet ta' uffiċċji tal-kontabbiltà għandhom ikunu responsabbli biex il-prospetti tal-biedja jitlestew u jsiru fil-ħin ħalli jkunu jistgħu jiġu ppreżentati mill-aġenziji ta' kollegament sal-iskadenzi msemmija fl-Artikolu 14(3) u (4) ta' dan ir-Regolament.

▼B

Artikolu 12

L-għadd ta' prospetti tal-biedja eliġibbli

L-għadd totali ta' prospetti tal-biedja mimlijin kif suppost u ppreżentati għal kull Stat Membru, kif imsemmi fl-Artikolu 5*a* (2) tar-Regolament (KE) 1217/2009, li huma eliġibbli għall-pagament tal-miżata standard ma għandux jaqbeż l-għadd totali tal-azjendi prospettanti stabbilit għal dak l-Istat Membru fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Meta Stat Membru jkollu aktar minn taqsima waħda tal-FADN, l-għadd ta' prospetti tal-biedja mimlija u mibgħuta kif għandu jkun li huma eliġibbli għall-miżata standard għal kull taqsima tal-FADN jista' jkun sa 20 % ogħla mill-għadd stabbilit għat-taqsima tal-FADN ikkonċernata, sakemm dak l-għadd totali ta' prospetti tal-biedja mimlija u mibgħuta kif għandu jkun tal-Istat Membru kkonċernat ma jkunx ogħla mill-għadd totali stabbilit għal dak l-Istat Membru fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

▼M4

Madankollu, il-prospetti tal-biedja minn taqsima tal-FADN b'għadd ikbar ta' prospetti tal-biedja ppreżentati minn dak stabbilit għal dik it-taqsima tal-FADN fl-Anness II ma għandhomx jitqiesu bħala eliġibbli għall-pagament tal-miżata standard fit-taqsima tal-FADN li għaliha l-Istat Membru jkun ippreżenta inqas minn 80 % tal-għadd ta' azjendi prospettanti meħtieġ.

▼B

Artikolu 13

Il-ħlas tal-miżata standard

L-ammont totali tal-miżata standard imsemmija fl-Artikolu 19(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 għandu jsir f'darbtejn:

▼B

(a) għandu jsir pagament ta' 50 % tal-ammont totali kkalkulat abbażi tal-ammont stabbilit fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament fil-bidu ta' kull sena ta' kontabbiltà għall-għadd ta' azjendi prospettanti stipulat fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

(b) l-ammont li jifdal għandu jitħallas wara li jkun ġie vverifikat mill-Kummissjoni li l-prospetti tal-biedja ppreżentati huma mimlijin kif suppost.

L-ammont li jifdal, imsemmi fil-punt (b) tal-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu għandu jiġi kkalkulat billi tiġi mmultiplikata l-miżata standard għal kull prospett tal-biedja, ikkalkulata abbażi tal-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament, bl-għadd ta' prospetti tal-biedja mimlija li jkunu eliġibbli skont l-Artikolu 12 ta' dan ir-Regolament u billi jitnaqqas il-pagament imsemmi fil-punt (a) tal-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu.

▼M5

Il-miżata standard għandha tikkontribwixxi għall-ispejjeż tat-tlestija tal-prospetti tal-biedja u għat-titjib fil-ħinijiet tat-twassil tad-*data*, il-proċessi, is-sistemi, il-proċeduri u l-kwalità ġenerali tal-prospetti tal-biedja, b'mod partikolari mill-uffiċċji tal-kontabbiltà u mid-dipartimenti amministrattivi li jwettqu dmirijiet ta' uffiċċji tal-kontabbiltà f'dan ir-rigward.

Il-miżata standard imħallsa lill-Istati Membri għall-għadd eliġibbli ta' prospetti tal-biedja kompluti kif xieraq u trasferiti lill-Kummissjoni għandha ssir ir-riżorsi tal-Istat Membru u ma mhux aktar tal-Unjoni.

L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli mill-kopertura tal-ispejjeż fir-rigward tat-twaqqif u l-operat tal-Kumitat Nazzjonali, il-Kumitati Reġjonali u l-aġenziji ta' kollegament.

▼M3

Artikolu 14

L-ammont tal-miżata standard

1. Il-miżata standard imsemmija fl-Artikolu 19(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 għandha tiġi stabbilita għal EUR 160 għal kull prospett tal-biedja.

2. Jekk il-limitu ta' 80 % msemmi fl-Artikolu 19(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 ma jinkisibx, la fil-livell ta' taqsima tal-FADN u lanqas fil-livell tal-Istat Membru kkonċernat, it-tnaqqis imsemmi f'dik id-dispożizzjoni għandu jkun applikat fil-livell nazzjonali biss.

3. Mingħajr preġudizzjoni għat-twettiq tal-obbligu tal-konformità mal-limitu ta' 80 % msemmi fl-Artikolu 19(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 rigward taqsima tal-FADN jew ta' Stat Membru, il-miżata standard hija miżjuda bi:

(a) EUR 5 meta l-Istat Membru jippreżenta l-►C3 informazzjoni ◄ tal-kontabbiltà msemmija fl-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament mhux aktar tard minn xahar qabel l-iskadenza rilevanti msemmija fl-Artikolu 10(3); jew

(b) EUR 7 għas-sena tal-kontabbiltà 2018 u EUR 10 mis-sena tal-kontabbiltà 2019 meta l-Istat Membru jippreżenta l-►C3 informazzjoni ◄ tal-kontabbiltà msemmija fl-Artikolu 9 ta' dan ir-Regolament mhux aktar tard minn xagħrejn qabel l-iskadenza rilevanti msemmija fl-Artikolu 10(3).

▼M5

4. Maż-żieda fil-miżata standard skont il-punti (a) u (b) tal-paragrafu 3 jistgħu jiġu miżjuda EUR 2 għas-sena ta' kontabbiltà 2018, EUR 5 għas-snin ta' kontabbiltà 2019 u 2020, u EUR 10 mis-sena ta' kontabbiltà 2021 'il quddiem, meta l-Kummissjoni tkun ivverifikat id-*data* tal-kontabbiltà skont il-punt (b) tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament u din tkun titqies kompluta kif dovut skont l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009, fil-mument tal-preżentazzjoni tagħha lill-Kummissjoni jew fi żmien 40 jum tax-xogħol mid-data meta l-Kummissjoni tkun għarrfet lill-Istat Membru li ppreżentaha li d-*data* tal-kontabbiltà ppreżentata mhix kompluta kif suppost.

▼M4

F'każijiet eċċezzjonali ġġustifikati kif xieraq, il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi li ttawwal dak il-perjodu għal 40 jum tax-xogħol.

Il-Kummissjoni u l-aġenzija ta' kollegament tal-Istat Membru kkonċernat għandhom jikkonfermaw bejniethom, bil-miktub, id-data ta' tmiem il-perjodu ta' 40 jum tax-xogħol, jew ta' kull titwil tiegħu.

▼B

KAPITOLU 5

DISPOŻIZZJONIJIET TRANSIZZJONALI U FINALI

Artikolu 15

Revoki

Ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 283/2012 u Nru 730/2013 huma rrevokati b'effett mill-1 ta' Jannar 2015.

Madankollu għandhom jibqgħu japplikaw għas-snin ta' kontabbiltà ta' qabel is-sena ta' kontabbiltà 2015.

Artikolu 16

Id-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mis-sena tal-kontabbiltà 2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼B

ANNESS I

IL-LIMITU TAD-DAQS EKONOMIKU GĦALL-QASAM TAL-ISTHARRIĠ (ARTIKOLU 1)

Stat Membru/Taqsima tal-FADN	Limitu (f'EUR)
Il-Belġju	25 000
▼M2	
Il-Bulgarija	4 000
▼M5	
Iċ-Ċekja	15 000
Id-Danimarka	25 000
▼B	
Il-Ġermanja	25 000
L-Estonja	4 000
L-Irlanda	8 000
Il-Greċja	4 000
Spanja	8 000
Franza (minbarra l-Martinique, ir-Reunion u Guadeloupe)	25 000
Franza (il-Martinique, ir-Reunion u Guadeloupe biss)	15 000
Il-Kroazja	4 000
L-Italja	8 000
Ċipru	4 000
Il-Latvja	4 000
Il-Litwanja	4 000
Lussemburgu	25 000
L-Ungerija	4 000
Malta	4 000
Il-Pajjiżi l-Baxxi	25 000
▼M2	
L-Awstrija	15 000
▼B	
Il-Polonja	4 000
Il-Portugall	4 000
▼M3	
Ir-Rumanija	4 000
▼B	
Is-Slovenja	4 000
Is-Slovakkja	25 000
Il-Finlandja	8 000
L-Iżvezja	15 000
Ir-Renju Unit (bl-eċċezzjoni tal-Irlanda ta' Fuq)	25 000
Ir-Renju Unit (l-Irlanda ta' Fuq biss):	15 000

▼B

ANNESS II

L-GĦADD TA' AZJENDI PROSPETTANTI (ARTIKOLU 2)

In-numru ta' referenza	Isem it-taqsima tal-FADN	L-għadd ta' azjendi prospettanti għal kull sena tal-kontabbiltà
	IL-BELĠJU	
341	Fjandri	720
342	Bruxelles-Brussel	—
343	Vallonja	480
	It-total tal-Belġju	1 200
▼M2		
	IL-BULGARIJA	
831	Северозападен (Severozapaden)	393
832	Северен централен (Severen tsentralen)	377
833	Североизточен (Severoiztochen)	347
834	Югозападен (Yugozapaden)	222
835	Южен централен (Yuzhen tsentralen)	482
836	Югоизточен (Yugoiztochen)	381
	Total għall-Bulgarija	2 202
▼M5		
745	IĊ-ĊEKJA	1 282
370	ID-DANIMARKA	1 600
▼M3		
	IL-ĠERMANJA	
015	Schleswig-Holstein/Hamburg	662
030	Is-Sassonja t'Isfel	1 307
040	Bremen	—
050	Nordrhein-Westfalen	1 010
060	Hessen	558
070	Rheinland-Pfalz	887
080	Baden-Württemberg	1 190
090	Bayern	1 678
100	Saarland	90
110	Berlin	—
112	Brandenburg	284

▼M3

In-numru ta' referenza	Isem it-taqsima tal-FADN	L-għadd ta' azjendi prospettanti għal kull sena tal-kontabbiltà
113	Mecklenburg-Vorpommern	268
114	Is-Sassonja	313
115	Is-Sassonja-Anhalt	270
116	Thüringen	283
	It-total tal-Ġermanja	8 800

▼B

755	L-ESTONJA	658
380	L-IRLANDA	900

▼M3

	IL-GREĊJA	
450	Μακεδονία — Θράκη (il-Maċedonja-it-Traċja)	1 700
460	Ήπειρος — Πελοπόννησος — Νήσοι Ιονίου (Epirus, il-Peloponnese, il-Gżejjer Jonji)	1 150
470	Θεσσαλία (Tessalija)	600
480	Στερεά Ελλάς — Νήσοι Αιγαίου — Κρήτη (Sterea Ellas, il-Gżejjer Eġej, Kreta)	1 225
	It-total tal-Greċja	4 675

▼B

	SPANJA	
500	Il-Galizja	450
505	L-Asturji	190
510	Il-Kantabrija	150
515	Il-Pajjiż Bask	352
520	Navarra	316
525	La Rioja	244
530	Aragona	676
535	Il-Katalonja	664
540	Il-Gżejjer Baleariċi	180
545	Kastilja u León	950
550	Madrid ċ.	190
555	Kastilja-La Mancha	900
560	Il-Komunità Awtonoma ta' Valenzja	638
565	Murcia	348
570	L-Estremadura	718
575	L-Andalusija	1 504

▼B

In-numru ta' referenza	Isem it-taqsima tal-FADN	L-għadd ta' azjendi prospettanti għal kull sena tal-kontabbiltà
580	Il-Gżejjer Kanarji	230
	It-total ta' Spanja	8 700
	FRANZA	
121	Île-de-France	190
131	Champagne-Ardenne	370
132	Picardie	270
133	In-Normandija ta' Fuq	170
134	Ċentru	410
135	In-Normandija t'Isfel	240
136	Bourgogne	340
141	Nord Pas de Calais	280
151	Lorraine	230
152	Alsace	200
153	Franche-Comté	210
162	Il-Pajjiżi tal-Loire	460
163	Il-Bretanja	480
164	Poitou-Charentes	360
182	Aquitaine	550
183	Il-Midi-Pyrénées	480
184	Limousin	220
192	Ir-Rhône-Alpes	480
193	Alvernja	360
201	Languedoc- Roussillon	430
203	Provence-Alpes-Côte d'Azur	420
204	Korsika	170
205	Il-Gwadelup	80
206	Il-Martinique	80
207	La Réunion	160

▼B

In-numru ta' referenza	Isem it-taqsima tal-FADN	L-għadd ta' azjendi prospettanti għal kull sena tal-kontabbiltà
	It-total ta' Franza	7 640
▼M1		
	IL-KROAZJA	
861	Jadranska Hrvatska	329
862	Kontinentalna Hrvatska	922
	It-total tal-Kroazja	1 251
▼B		
	L-ITALJA	
221	Il-Valle d'Aosta	170
222	Piemonte	594
230	Il-Lombardija	717
241	Trentino	282
242	Alto Adige	338
243	Il-Veneto	707
244	Il-Friuli-Venezia Giulia	451
250	Il-Ligurja	431
260	L-Emilja-Romanja	873
270	It-Toskana	577
281	Il-Marke	452
282	L-Umbrija	460
291	Il-Lazjo	587
292	L-Abruzzo	572
301	Il-Moliże	342
302	Il-Kampanja	667
303	Il-Kalabrija	510
311	Pulja	723
312	Il-Basilikata	400
320	Sqallija	706
330	Sardenja	547

▼B

In-numru ta' referenza	Isem it-taqsima tal-FADN	L-għadd ta' azjendi prospettanti għal kull sena tal-kontabbiltà
	It-total tal-Italja	11 106
740	ĊIPRU	500
770	IL-LATVJA	1 000
775	IL-LITWANJA	1 000
350	IL-LUSSEMBURGU	450
▼M3		
	L-UNGERIJA	
767	Alföld	1 144
768	Dunántúl	733
764	Észak-Magyarország	223
	It-total tal-Ungerija	2 100
▼B		
780	MALTA	536
360	IL-PAJJIŻI L-BAXXI	1 500
▼M2		
660	L-AWSTRIJA	1 800
▼B		
	IL-POLONJA	
785	Pomorze i Mazury	1 860
790	Wielkopolska i Śląsk	4 350
795	Mazowsze i Podlasie	4 490
800	Małopolska i Pogórze	1 400
	It-total tal-Polonja	12 100
	IL-PORTUGALL	
615	It-Tramuntana u ċ-Ċentru	1 233
630	Ir-Ribatejo u l-Punent	351
640	L-Alentejo u l-Algarve	399
650	L-Ażores u l-Madejra	317
	It-otal għall-Portugall	2 300
▼M3		
	IR-RUMANIJA	
840	Nord-Est	724
841	Sud-Est	913
842	Sud-Muntenia	857
843	Sud-Vest-Oltenia	519

▼M3

In-numru ta' referenza	Isem it-taqsima tal-FADN	L-għadd ta' azjendi prospettanti għal kull sena tal-kontabbiltà
844	Vest	598
845	Nord-Vest	701
846	Centru	709
847	București-Ilfov	79
	It-total tar-Rumanija	5 100

▼B

820	IS-SLOVENJA	908
810	IS-SLOVAKKJA	562

▼M3

	IL-FINLANDJA	
670	Etelä-Suomi	420
680	Sisä-Suomi	169
690	Pohjanmaa	203
700	Pohjois-Suomi	108
	It-total tal-Finlandja	900

▼B

	L-ISVEZJA	
710	Slättbyggdslän	637
720	Skogs- och mellanbygdslän	258
730	Län i norra Sverige	130
	Total għall-Iżvezja	1 025
	IR-RENJU UNIT	
411	l-Ingilterra — ir-Reġjun ta' Fuq	420
412	l-Ingilterra — ir-Reġjun tal-Lvant	650
413	l-Ingilterra — ir-Reġjun tal-Punent	430
421	Wales	300
431	L-Iskozja	380
441	L-Irlanda ta' Fuq	320
	Total għar-Renju Unit	2 500

▼B

ANNESS III

IL-MUDELLI U L-METODI GĦAT-THEJJIJA TAL-PJAN TAL-GĦAŻLA (L-ARTIKOLU 3(1))

L-►C2 informazzjoni ◄ msemmija fl-Artikolu 5a(4) tar-Regolament (KE) Nru 1217/2009 għandha titwassal lill-Kummissjoni fil-format li ġej:

A. SKEDA INFORMATTIVA

1.	Informazzjoni ġenerali
1.1.	Sena fiskali
1.2.	Stat Membru
1.3.	Isem l-aġenzija ta' kollegament
1.4.	L-aġenzija ta' kollegament tagħmel parti mill-amministrazzjoni pubblika (iva/le)?

2.	Il-bażi tal-pjan tal-għażla
2.1.	Is-sors tal-popolazzjoni totali ta' azjendi
2.2.	Is-sena li ntużat għall-popolazzjoni ta' azjendi
2.3.	Sena tal-produzzjoni standard
2.4.	Definizzjoni tal-qasam ta' stħarriġ

3.	Il-proċeduri għall-istratifikazzjoni tal-qasam ta' stħarriġ
3.1.	Raggruppament skont it-tip ta' azjenda
3.2.	Raggruppament skont id-daqs tal-azjendi
3.3.	Kriterju nazzjonali addizzjonali li ntuża għall-istratifikazzjoni tal-qasam ta' stħarriġ
3.3.1.	Intuża xi kriterju ta' stratifikazzjoni ieħor?
3.3.2.	Il-kriterju nazzjonali addizzjonali ntuża fl-għażla nazzjonali tal-kampjun?
3.3.3.	Il-kriterju nazzjonali addizzjonali ntuża fil-ponderazzjoni nazzjonali tal-►C2 informazzjoni ◄ tal-popolazzjoni?
3.3.4.	Il-kriterju nazzjonali addizzjonali ntuża għall-għażla tal-azjendi prospettanti għall-FADN tal-UE?
3.3.5.	Jekk dan jintuża għall-għażla tal-UE, spjega għaliex saret din l-għażla filwaqt li tagħti d-dettalji ta' kif dan jaffettwa r-rappreżentanza tal-qasam ta' stħarriġ tal-FADN tal-UE.
3.4.	Regoli tar-raggruppar
3.5.	X'ikopri l-kampjun

▼B

4. Il-metodi biex ġiet iddeterminata r-rata tal-għażla u d-daqs tal-kampjun li ntgħażel għal kull saff

— *Allokazzjoni proporzjonali*

— *Allokazzjoni ottimu*

— *Allokazzjonijiet proporzjonali u ottimi flimkien*

— *Metodu ieħor*

5. Il-proċeduri għall-għażla tal-azjendi prospettanti

— *Għażla aleatorja*

— *Għażla mhux aleatorja*

— *Għażliet aleatorji u mhux aleatorji flimkien*

— *Metodu ieħor*

6. Il-proċeduri għal possibiltà li aktar tard ikun aġġornat il-pjan tal-għażla

7. Il-perjodu probabbli tal-validità tal-pjan tal-għażla

8. Id-diżaggregazzjoni tal-azjendi fil-qasam ta' stħarriġ, ikklassifikati skont it-tipoloġija tal-Unjoni għall-azjendi agrikoli (li tikkorrispondi għallinqas mat-tipi ewlenin)

9. L-għadd ta' azjendi prospettanti li għandhom jintgħażlu għal kull saff adottat.

10. Informazzjoni addizzjonali li ma ddaħħlitx fil-punti ta' qabel

11. Il-pjan tal-għażla ġie approvat fil-kumitat nazzjonali, data

B. TABELLI TAL-PJANIJIET TAL-GĦAŻLA

Id-dettalji dwar il-popolazzjoni ta' referenza u dwar il-kampjun imfassal għas-sena ta' kontabbiltà relatata għandhom jingħataw abbażi tal-mudelli tat-tabelli li ġejjin, li huma parti integrali tad-dokumentazzjoni tal-pjan tal-għażla.

Tabella 1 Regoli tar-raggruppar applikati għall-għażla tal-kampjun tal-biedja għall-FADN tal-UE

Struttura tat-tabella

Numru tal-kolonna	Deskrizzjoni tal-kolonna
1	Kodiċi tat-taqsima tal-FADN (ara l-Anness II)
2	Raggruppamenti ta' tipi ta' biedja (ara l-Anness IV)
3	Raggruppamenti tal-klassifiki tad-daqs ekonomiku (ara l-Anness V)

▼B

Tabella 2 Kopertura tal-kampjun

Struttura tat-tabella

Numru tal-kolonna	Deskrizzjoni tal-kolonna
1	Klassifiki tad-daqs ekonomiku (kif stabbilit fl-Anness V)
2	Il-limiti l-aktar baxxi tal-klassifiki tad-daqs ekonomiku (f'EUR)
3	Il-limiti l-aktar għoljin tal-klassifiki tad-daqs ekonomiku (f'EUR)
4	L-għadd ta' azjendi tal-popolazzjoni rappreżentata
5	Il-perċentwal kumulattiv invers tal-għadd ta' azjendi tal-popolazzjoni rappreżentata
6	L-art agrikola użata (ettari) tal-popolazzjoni rappreżentata
7	Il-perċentwal kumulattiv invers tal-erja agrikola użata rappreżentata
8	Produzzjoni standard totali tal-popolazzjoni rappreżentata
9	Perċentwal kumulattiv invers tat-total tal-produzzjoni standard rappreżentata
10	L-għadd ta' bhejjem individwali tal-popolazzjoni rappreżentata
11	Il-perċentwal kumulattiv invers tal-għadd ta' bhejjem rappreżentati

Tabella 3 Id-distribuzzjoni tal-irziezet fil-popolazzjoni

Struttura tat-tabella

Numru tal-kolonna	Deskrizzjoni tal-kolonna
1	Kodiċi — tip ewlieni ta' biedja
2	Titlu — tip ewlieni ta' biedja
3	Klassifika tad-daqs ekonomiku — 1
4	Klassifika tad-daqs ekonomiku — 2
5	Klassifika tad-daqs ekonomiku — 3
6	Klassifika tad-daqs ekonomiku — 4
7	Klassifika tad-daqs ekonomiku — 5
8	Klassifika tad-daqs ekonomiku — 6
9	Klassifika tad-daqs ekonomiku — 7
10	Klassifika tad-daqs ekonomiku — 8
11	Klassifika tad-daqs ekonomiku — 9
12	Klassifika tad-daqs ekonomiku — 10
13	Klassifika tad-daqs ekonomiku — 11

▼B

Numru tal-kolonna	Deskrizzjoni tal-kolonna
14	Klassifika tad-daqs ekonomiku — 12
15	Klassifika tad-daqs ekonomiku — 13
16	Klassifika tad-daqs ekonomiku — 14
17	Klassifika tad-daqs ekonomiku — total

Tabella 4 Il-pjan għall-għażla

Struttura tat-tabella

Numru tal-kolonna	Deskrizzjoni tal-kolonna
1	Taqsima tal-FADN — kodiċi tal-FADN tal-UE
2	Taqsima tal-FADN — Isem
3	Tip ta' razzett — kodiċi nazzjonali
4	Tip ta' azjenda agrikola — kodiċi tal-FADN tal-UE
5	Klassifika tad-daqs ekonomiku — kodiċi nazzjonali
6	Klassifika tad-daqs ekonomiku — kodiċi tal-FADN tal-UE
7	Klassifika tad-daqs ekonomiku — deskrizzjoni (daqs f'EUR)
8	Għadd ta' azjendi li għandhom jintgħażlu (A)
9	L-għadd ta' azjendi fil-popolazzjoni (B)
10	Piż medju (B)/(A)

▼B

ANNESS IV

TIPI PARTIKOLARI TA' SPEĊJALIZZAZZJONI TAL-BIEDJA U L-KORRISPONDENZA TAGĦHOM MA' TIPI ĠENERALI U EWLENIN TAL-BIEDJA (L-ARTIKOLU 4)

▼M5

Japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) **Produzzjoni standard (SO)** tfisser il-valur standard tal-produzzjoni grossa. L-SO tintuża għall-klassifikazzjoni tal-azjendi agrikoli skont it-tipoloġija tal-azjendi agrikoli tal-Unjoni (li fihom it-tip ta' biedja hi ddefinita bl-attivitajiet ewlenin tal-produzzjoni) u għad-determinazzjoni tad-daqs ekonomiku tal-azjenda agrikola.

(b) **Il-koeffiċjent tal-produzzjoni standard (SOC)** tfisser il-valur monetarju medju tal-produzzjoni grossa ta' kull varjabbli agrikolu msemmi fl-Artikolu 6(1), li jikkorrispondi għas-sitwazzjoni medja f'reġjun partikolari, għal kull unità tal-produzzjoni. L-SOCs jiġu kkalkolati bil-prezz mal-ħruġ mill-azjenda agrikola, f'euro għal kull ettaru ta' għeleġjel jew f'euro għal kull bhima (japplikaw xi eċċezzjonijiet għall-faqqiegħ f'euro għal kull 100 m^2, għat-tjur f'euro għal kull 100 tajra u għan-naħal f'euro għal kull kaxxa tan-naħal). Il-VAT, it-taxxi u s-sussidji mhumiex inklużi fil-prezz mal-ħruġ mill-azjenda agrikola. L-SOCs jiġu aġġornati mill-inqas kull darba li jsir stħarriġ Ewropew dwar l-istruttura tal-azjendi agrikoli.

(c) **L-SO totali ta' azjenda agrikola** tfisser il-multiplikazzjoni tat-total ta' unitajiet tal-produzzjoni individwali ta' azjenda speċifika mal-SOC rispettiv tagħhom.

A. TIPI PARTIKOLARI TA' SPEĊJALIZZAZZJONI TAL-BIEDJA

It-tipi partikolari ta' speċjalizzazzjonijiet tal-biedja huma ddefiniti b'żewġ karatteristiċi:

(a) In-natura tal-varjabbli kkonċernati

Il-varjabbli jirreferu għal-lista ta' varjabbli mistħarrġa fiċ-ċensiment tal-2020: huma indikati permezz tal-kodiċijiet ippreżentati fit-tabella ta' korrispondenza fil-Parti B.I ta' dan l-Anness jew inkella b'kodiċi li tirraggruppa bosta minn dawk il-varjabbli kif stabbilit fil-Parti B.II ta' dan l-Anness ([1]).

(b) Il-kundizzjonijiet li jiddeterminaw il-limiti tal-klassi

Jekk ma jkunx indikat mod ieħor, dawn il-kundizzjonijiet jiġu espressi bħala frazzjonijiet tal-produzzjoni standard totali tal-azjenda.

Il-kundizzjonijiet kollha indikati għal tipi partikolari ta' speċjalizzazzjonijiet tal-biedja jridu jintlaħqu b'mod kumulattiv biex l-azjenda tiġi kklassifikata taħt it-tip partikolari ta' speċjalizzazzjoni tal-biedja relatat.

([1]) Il-varjabbli SO_CLND019 (Għeleġjel oħra tal-għeruq n.e.c. (n.e.c. = mhux klassifikati band'oħra), SO_CLND037 (Pjanti maħsuda mir-raba' fi stadju bikri), SO_CLND049 (Art mistrieħa), SO_CLND073_085 (Ġonna kulinarji jew erjas agrikoli użati (UAA) oħra taħt il-ħġieġ jew għata aċċessibbli fil-għoli n.e.c.), SO_CLND051 (Mergħat u ragħa, għajr il-mergħat mhux ikkultivati), SO_CLND052 (Mergħat mhux ikkultivati), SO_CLND053 (Bwar permanenti li ma għadhomx jintużaw għal skopijiet ta' produzzjoni u eliġibbli għall-pagament tas-sussidji), SO_CLVS001 (Bovini iżgħar minn sena), SO_CLVS014 (Nagħaġ u mtaten oħra), SO_CLVS017 (Mogħoż u bdabad oħra) u SO_CLVS018 (Qżieqeż, b'piż ħaj inqas minn 20 kg) jintużaw biss f'ċerti kundizzjonijiet (ara l-punt 5 tal-Anness VI).

▼M5

Azjendi speċjalisti – prodotti tal-għelejjel

Tipi ta' biedja (*biex ikunu jistgħu jinqraw aktar faċilment, is-sitt kolonni ta' taħt din l-intestatura ġew riprodotti fil-Parti C ta' dan l-Anness)						Metodi għall-kalkolu ta' tipi partikolari ta' speċjalizzazzjonijiet tal-biedja JEKK (C1) U (C2) U (C3), ALLURA (S1)			
Ġenerali	Deskrizzjoni	Prinċipali	Deskrizzjoni	Speċjalizzazzjonijiet partikolari	Deskrizzjoni (S1)	Deskrizzjoni tal-kalkolu (D1)	Kodiċi tal-varjabbli u l-kundizzjonijiet (ref. il-Parti B ta' dan l-Anness)		
							Kundizzjoni 1 (C1)	Kundizzjoni 2 (C2)	Kundizzjoni 3 (C3)
1	Għelejjel tal-għelieqi speċjalisti								
		15	Ċereali speċjalisti, żrieragħ taż-żejt u għelejjel tal-proteini						
				151	Ċereali speċjalisti (għajr ir-ross), żrieragħ taż-żejt u għelejjel tal-proteini	Ċereali, għajr ir-ross, żrieragħ taż-żejt, legumi mnixxfin u għelejjel tal-proteini > 2/3	P1 > 2/3	P15 + P16 + SO_CLND014 > 2/3	P151 + P16 + SO_CLND014 > 2/3
				152	Ross speċjalist	Ross > 2/3	P1 > 2/3	P15 + P16 + SO_CLND014 > 2/3	SO_CLND013 > 2/3
				153	Ċereali, żrieragħ taż-żejt, għelejjel tal-proteini u ross ikkombinati	Azjendi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet C1 u C2, għajr l-azjendi tal-klassijiet 151 u 152	P1 > 2/3	P15 + P16 + SO_CLND014 > 2/3	

▼M5

Tipi ta’ biedja (*biex ikunu jistgħu jinqraw aktar faċilment, is-sitt kolonni ta’ taħt din l-intestatura ġew riprodotti fil-Parti C ta’ dan l-Anness)						Metodi għall-kalkolu ta’ tipi partikolari ta’ speċjalizzazzjonijiet tal-biedja JEKK (C1) U (C2) U (C3), ALLURA (S1)			
Ġenerali	Deskrizzjoni	Prinċipali	Deskrizzjoni	Speċjalizzazzjonijiet partikolari	Deskrizzjoni (S1)	Deskrizzjoni tal-kalkolu (D1)	Kodiċi tal-varjabbli u l-kundizzjonijiet (ref. il-Parti B ta’ dan l-Anness)		
							Kundizzjoni 1 (C1)	Kundizzjoni 2 (C2)	Kundizzjoni 3 (C3)
		16	Tkabbir ġenerali ta’ għelejjel tal-għelieqi						
				161	Għelejjel tal-għeruq speċjalisti	Patata, pitrava ħelwa u għelejjel oħra tal-għeruq n.e.c. > 2/3	P1 > 2/3	P15 + P16 + SO_CLND014 ≤ 2/3	P17 > 2/3
				162	Ċereali, żrieragħ taż-żejt, u għelejjel tal-proteini u għelejjel tal-għeruq ikkombinati	Ċereali, żrieragħ taż-żejt, legumi mnixxfin u għelejjel tal-proteini > 1/3, U għeruq > 1/3	P1 > 2/3	P15 + P16 + SO_CLND014 ≤ 2/3	P15 + P16 + SO_CLND014 > 1/3 U P17 > 1/3
				163	Ħxejjex speċjalisti	Ħxejjex friski (inkluż il-bettieħ) u frawli - Għelieqi fil-miftuħ > 2/3	P1 > 2/3	P15 + P16 + SO_CLND014 ≤ 2/3	SO_CLND045 > 2/3
				164	Tabakk speċjalist	Tabakk > 2/3	P1 > 2/3	P15 + P16 + SO_CLND014 ≤ 2/3	SO_CLND032 > 2/3

▼M5

Tipi ta' biedja (*biex ikunu jistgħu jinqraw aktar faċilment, is-sitt kolonni ta' taħt din l-intestatura ġew riprodotti fil-Parti C ta' dan l-Anness)						Metodi għall-kalkolu ta' tipi partikolari ta' speċjalizzazzjonijiet tal-biedja JEKK (C1) U (C2) U (C3), ALLURA (S1)			
Ġenerali	Deskrizzjoni	Prinċipali	Deskrizzjoni	Speċjalizzazzjonijiet partikolari	Deskrizzjoni (S1)	Deskrizzjoni tal-kalkolu (D1)	Kodiċi tal-varjabbli u l-kundizzjonijiet (ref. il-Parti B ta' dan l-Anness)		
							Kundizzjoni 1 (C1)	Kundizzjoni 2 (C2)	Kundizzjoni 3 (C3)
2	Ortikultura speċjalista	21	Ortikultura speċjalista ta' ġewwa	166	Għelejjel tal-għelieqi varji kkombinati	Azjendi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet C1 u C2, għajr l-azjendi fil-klassijiet 161, 162, 163, 164 u 165	P1 > 2/3	P15 + P16 + SO_CLND014 ≤ 2/3	
				211	Ħxejjex speċjalisti ta' ġewwa	Ħxejjex (inkluż il-bettieħ) u frawli taħt il-ħġieġ jew għata aċċessibbli fil-għoli > 2/3	P2 > 2/3	SO_CLND081 + SO_CLND082 > 2/3	SO_CLND081 > 2/3
				212	Fjuri u pjanti ornamentali speċjalisti ta' ġewwa	Fjuri u pjanti ornamentali (għajr il-mixtliet) taħt il-ħġieġ jew għata aċċessibbli fil-għoli > 2/3	P2 > 2/3	SO_CLND081 + SO_CLND082 > 2/3	SO_CLND082 > 2/3

▼M5

Tipi ta’ biedja (*biex ikunu jistgħu jinqraw aktar faċilment, is-sitt kolonni ta’ taħt din l-intestatura ġew riprodotti fil-Parti C ta’ dan l-Anness)						Metodi għall-kalkolu ta’ tipi partikolari ta’ speċjalizzazzjonijiet tal-biedja JEKK (C1) U (C2) U (C3), ALLURA (S1)			
Ġenerali	Deskrizzjoni	Prinċipali	Deskrizzjoni	Speċjalizzaz-zjonijiet partikolari	Deskrizzjoni (S1)	Deskrizzjoni tal-kalkolu (D1)	Kodiċi tal-varjabbli u l-kundizzjonijiet (ref. il-Parti B ta’ dan l-Anness)		
							Kundizzjoni 1 (C1)	Kundizzjoni 2 (C2)	Kundizzjoni 3 (C3)
		22	Ortikultura speċjalista ta’ barra	213	Ortikultura speċjalista mħallta ta’ ġewwa	Azjendi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet C1 u C2, għajr l-azjendi fil-klassijiet 211 u 212	P2 > 2/3	SO_CLND081 + SO_CLND082 > 2/3	
				221	Ħxejjex speċjalisti ta’ barra	Ħxejjex friski (inkluż il-bettieħ) u frawli - Ortikultura kummerċjali > 2/3	P2 > 2/3	SO_CLND044 + SO_CLND046 > 2/3	SO_CLND044 > 2/3
				222	Fjuri u pjanti ornamentali speċjalisti ta’ barra	Fjuri u pjanti ornamentali (għajr il-mixtliet) > 2/3	P2 > 2/3	SO_CLND044 + SO_CLND046 > 2/3	SO_CLND046 > 2/3
				223	Ortikultura mħallta speċjalista ta’ barra	Azjendi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet C1 u C2, għajr l-azjendi fil-klassijiet 221 u 222	P2 > 2/3	SO_CLND044 + SO_CLND046 > 2/3	

▼M5

Tipi ta' biedja (*biex ikunu jistgħu jinqraw aktar faċilment, is-sitt kolonni ta' taħt din l-intestatura ġew riprodotti fil-Parti C ta' dan l-Anness)						Metodi għall-kalkolu ta' tipi partikolari ta' speċjalizzazzjonijiet tal-biedja JEKK (C1) U (C2) U (C3), ALLURA (S1)			
Ġenerali	Deskrizzjoni	Prinċipali	Deskrizzjoni	Speċjalizzaz-zjonijiet partikolari	Deskrizzjoni (S1)	Deskrizzjoni tal-kalkolu (D1)	Kodiċi tal-varjabbli u l-kundizzjonijiet (ref. il-Parti B ta' dan l-Anness)		
							Kundizzjoni 1 (C1)	Kundizzjoni 2 (C2)	Kundizzjoni 3 (C3)
		23	Ortikultura oħra						
				231	Faqqiegħ speċjalist	Faqqiegħ > 2/3	P2 > 2/3	SO_CLND044 + SO_CLND046 ≤ 2/3 U SO_CLND081 + SO_CLND082 ≤ 2/3	SO_CLND079 > 2/3
				232	Mixtliet speċjalisti	Mixtliet > 2/3	P2 > 2/3	SO_CLND044 + SO_CLND046 ≤ 2/3 U SO_CLND081 + SO_CLND082 ≤ 2/3	SO_CLND070 > 2/3
				233	Ortikultura varja	Azjendi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet C1 u C2, għajr l-azjendi fil-klassijiet 231 u 232	P2 > 2/3	SO_CLND044 + SO_CLND046 ≤ 2/3 U SO_CLND081 + SO_CLND082 ≤ 2/3	

▼M5

Tipi ta' biedja (*biex ikunu jistgħu jinqraw aktar faċilment, is-sitt kolonni ta' taħt din l-intestatura ġew riprodotti fil-Parti C ta' dan l-Anness)						Metodi għall-kalkolu ta' tipi partikolari ta' speċjalizzazzjonijiet tal-biedja JEKK (C1) U (C2) U (C3), ALLURA (S1)			
Ġenerali	Deskrizzjoni	Prinċipali	Deskrizzjoni	Speċjalizzaz-zjonijiet partikolari	Deskrizzjoni (S1)	Deskrizzjoni tal-kalkolu (D1)	Kodiċi tal-varjabbli u l-kundizzjonijiet (ref. il-Parti B ta' dan l-Anness)		
							Kundizzjoni 1 (C1)	Kundizzjoni 2 (C2)	Kundizzjoni 3 (C3)
3	Għelejjel permanenti speċjalisti								
		35	Dwieli speċjalisti						
				351	Inbid ta' kwalità speċjalist	Għeneb għal inbejjed b'denominazzjoni ta' oriġini protetta (DOP) u għeneb għal inbejjed b'indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP) > 2/3	P3 > 2/3	SO_CLND062 > 2/3	SO_CLND064 + SO_CLND065 > 2/3
				352	Inbid speċjalist għajr l-inbid ta' kwalità	Għeneb għal inbejjed oħra n.e.c.(mingħajr DPO/IĠP) > 2/3	P3 > 2/3	SO_CLND062 > 2/3	SO_CLND066 > 2/3
				353	Għeneb tal-mejda speċjalist	Għeneb tal-mejda > 2/3	P3 > 2/3	SO_CLND062 > 2/3	SO_CLND067 > 2/3

▼M5

Tipi ta' biedja (*biex ikunu jistgħu jinqraw aktar faċilment, is-sitt kolonni ta' taħt din l-intestatura ġew riprodotti fil-Parti C ta' dan l-Anness)						Metodi għall-kalkolu ta' tipi partikolari ta' speċjalizzazzjonijiet tal-biedja JEKK (C1) U (C2) U (C3), ALLURA (S1)			
Ġenerali	Deskrizzjoni	Prinċipali	Deskrizzjoni	Speċjalizzazzjonijiet partikolari	Deskrizzjoni (S1)	Deskrizzjoni tal-kalkolu (D1)	Kodiċi tal-varjabbli u l-kundizzjonijiet (ref. il-Parti B ta' dan l-Anness)		
							Kundizzjoni 1 (C1)	Kundizzjoni 2 (C2)	Kundizzjoni 3 (C3)
		36	Frott u frott taċ-ċitru speċjalisti	354	Dwieli oħrajn	Azjendi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet C1 u C2, għajr l-azjendi fil-klassijiet 351, 352 u 353	P3 > 2/3	SO_CLND062 > 2/3	
				361	Frott speċjalist (għajr iċ-ċitru, il-frott tropikali u subtropikali u l-ġwież)	Frott ta' żoni klimatiċi moderati u frott artab (għajr il-frawli) > 2/3	P3 > 2/3	SO_CLND055 + SO_CLND061 > 2/3	SO_CLND056_57 + SO_CLND059 > 2/3
				362	Frott taċ-ċitru speċjalist	Frott taċ-ċitru > 2/3	P3 > 2/3	SO_CLND055 + SO_CLND061 > 2/3	SO_CLND061 > 2/3
				363	Ġwież speċjalist	Ġwież > 2/3	P3 > 2/3	SO_CLND055 + SO_CLND061 > 2/3	SO_CLND060 > 2/3
				364	Frott tropikali u subtropikali speċjalist	Frott minn żoni klimatiċi subtropikali u tropikali > 2/3	P3 > 2/3	SO_CLND055 + SO_CLND061 > 2/3	SO_CLND058 > 2/3

▼M5

Tipi ta' biedja (*biex ikunu jistgħu jinqraw aktar faċilment, is-sitt kolonni ta' taħt din l-intestatura ġew riprodotti fil-Parti C ta' dan l-Anness)						Metodi għall-kalkolu ta' tipi partikolari ta' speċjalizzazzjonijiet tal-biedja JEKK (C1) U (C2) U (C3), ALLURA (S1)			
Ġenerali	Deskrizzjoni	Prinċipali	Deskrizzjoni	Speċjalizzazzjonijiet partikolari	Deskrizzjoni (S1)	Deskrizzjoni tal-kalkolu (D1)	Kodiċi tal-varjabbli u l-kundizzjonijiet (ref. il-Parti B ta' dan l-Anness)		
							Kundizzjoni 1 (C1)	Kundizzjoni 2 (C2)	Kundizzjoni 3 (C3)
				365	Frott speċjalist, ċitru, frott tropikali u subtropikali u ġwież: produzzjoni mħallta	Azjendi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet C1 u C2, għajr l-azjendi fil-klassijiet 361, 362, 363 u 364	P3 > 2/3	SO_CLND055 + SO_CLND061 > 2/3	
		37	Żebbuġ speċjalist						
				370	Żebbuġ speċjalist	Żebbuġ > 2/3	P3 > 2/3	SO__CLND069 > 2/3	
		38	Għelejjel permanenti varji kkombinati						
				380	Għelejjel permanenti varji kkombinati	Azjendi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet C1 u C2, għajr l-azjendi fil-klassijiet 351 sa 370	P3 > 2/3		

▼M5

Azjendi speċjalisti – Produzzjoni tal-annimali

Tipi ta' biedja (*biex ikunu jistgħu jinqraw aktar faċilment, is-sitt kolonni ta' taħt din l-intestatura ġew riprodotti fil-Parti C ta' dan l-Anness)						Metodi għall-kalkolu ta' tipi partikolari ta' speċjalizzazzjonijiet tal-biedja JEKK (C1) U (C2) U (C3), ALLURA (S1)			
Ġenerali	Deskrizzjoni	Prinċipali	Deskrizzjoni	Speċjalizzaz-zjonijiet partikolari	Deskrizzjoni (S1)	Deskrizzjoni tal-kalkolu (D1)	Kodiċi tal-varjabbli u l-kundizzjonijiet (ref. il-Parti B ta' dan l-Anness)		
							Kundizzjoni 1 (C1)	Kundizzjoni 2 (C2)	Kundizzjoni 3 (C3)
4	Bhejjem li jirgħu speċjalisti								
		45	Trobbija ta' bhejjem tal-ħalib speċjalisti						
				450	Trobbija ta' bhejjem tal-ħalib speċjalisti	Baqar tal-ħalib > 3/4 tat-total tal-bhejjem li jirgħu, U bhejjem li jirgħu > 1/10 tal-bhejjem li jirgħu u tal-foraġġ	P4 > 2/3	SO_CLVS009 + SO_CLVS011 > 3/4 GL U GL > 1/10 P4	
		46	Ifrat speċja-listi – trobbija u tismin						

▼M5

Tipi ta’ biedja (*biex ikunu jistgħu jinqraw aktar faċilment, is-sitt kolonni ta’ taħt din l-intestatura ġew riprodotti fil-Parti C ta’ dan l-Anness)						Metodi għall-kalkolu ta’ tipi partikolari ta’ speċjalizzazzjonijiet tal-biedja JEKK (C1) U (C2) U (C3), ALLURA (S1)			
Ġenerali	Deskrizzjoni	Prinċipali	Deskrizzjoni	Speċjalizzaz-zjonijiet partikolari	Deskrizzjoni (S1)	Deskrizzjoni tal-kalkolu (D1)	Kodiċi tal-varjabbli u l-kundizzjonijiet (ref. il-Parti B ta’ dan l-Anness)		
							Kundizzjoni 1 (C1)	Kundizzjoni 2 (C2)	Kundizzjoni 3 (C3)
				460	Ifrat speċjalisti – trob-bija u tismin	Il-bovini kollha (jiġifieri bovini iżgħar minn (1) sena, bovini bejn (1) sena u iżgħar minn sentejn u bovini ta’ (2) sentejn jew iżjed (bovini rġiel, erieħ, baqar tal-ħalib, baqar mhux tal-ħalib u bufli baqar)) > 2/3 tal-bhejjem li jirgħu, U baqar tal-ħalib ≤ 1/10 tal-bhejjem li jirgħu U bhejjem li jirgħu > 1/10 tal-bhejjem li jirgħu u tal-foraġġ	P4 > 2/3	P46 > 2/3 GL U SO_CLVS009 + SO_CLVS011 ≤ 1/10 GL U GL > 1/10 P4	

▼M5

Tipi ta' biedja (*biex ikunu jistgħu jinqraw aktar faċilment, is-sitt kolonni ta' taħt din l-intestatura ġew riprodotti fil-Parti C ta' dan l-Anness)						Metodi għall-kalkolu ta' tipi partikolari ta' speċjalizzazzjonijiet tal-biedja JEKK (C1) U (C2) U (C3), ALLURA (S1)			
Ġenerali	Deskrizzjoni	Prinċipali	Deskrizzjoni	Speċjalizzaz-zjonijiet partikolari	Deskrizzjoni (S1)	Deskrizzjoni tal-kalkolu (D1)	Kodiċi tal-varjabbli u l-kundizzjonijiet (ref. il-Parti B ta' dan l-Anness)		
							Kundizzjoni 1 (C1)	Kundizzjoni 2 (C2)	Kundizzjoni 3 (C3)
		47	Ifrat – tal-ħalib, tat-trobbija u tat-tismin ikkombinati						
				470	Ifrat – tal-ħalib, tat-trobbija u tat-tismin ikkombinati	Il-bovini kollha > 2/3 tal-bhejjem li jirgħu U baqar tal-ħalib > 1/10 tal-bhejjem li jirgħu U bhejjem li jirgħu > 1/10 tal-bhejjem li jirgħu u tal-foraġġ; għajr l-azjendi tal-klassi 450	P4 > 2/3	P46 > 2/3 GL U SO_CLVS009 + SO_CLVS011 > 1/10 GL U GL > 1/10 P4; għajr l-450	
		48	Nagħaġ u mtaten, mogħoż bdabad, u bhejjem oħra li jirgħu						
				481	Nagħaġ u mtaten speċjalisti	Nagħaġ u mtaten > 2/3 tal-bhejjem li jirgħu, U bhejjem li jirgħu > 1/10 tal-bhejjem li jirgħu u tal-foraġġ	P4 > 2/3	Azjendi li jissodisfaw il-kundizzjoni C1, għajr l-azjendi fil-klassijiet 450, 460 u 470	SO_CLVS012 > 2/3 GL U GL > 1/10 P4

▼M5

Tipi ta’ biedja (*biex ikunu jistgħu jinqraw aktar faċilment, is-sitt kolonni ta’ taħt din l-intestatura ġew riprodotti fil-Parti C ta’ dan l-Anness)						Metodi għall-kalkolu ta’ tipi partikolari ta’ speċjalizzazzjonijiet tal-biedja JEKK (C1) U (C2) U (C3), ALLURA (S1)			
Ġenerali	Deskrizzjoni	Prinċipali	Deskrizzjoni	Speċjalizzaz-zjonijiet partikolari	Deskrizzjoni (S1)	Deskrizzjoni tal-kalkolu (D1)	Kodiċi tal-varjabbli u l-kundizzjonijiet (ref. il-Parti B ta’ dan l-Anness)		
							Kundizzjoni 1 (C1)	Kundizzjoni 2 (C2)	Kundizzjoni 3 (C3)
				482	Nagħaġ, imtaten u ifrat ikkombinati	Il-bovini kollha > 1/3 tal-bhejjem li jirgħu, U nagħaġ u mtaten > 1/3 tal-bhejjem li jirgħu, U bhejjem li jirgħu > 1/10 tal-bhejjem li jirgħu u tal-foraġġ	P4 > 2/3	Azjendi li jissodisfaw il-kundizzjoni C1, għajr l-azjendi fil-klassijiet 450, 460 u 470	P46 > 1/3 GL U SO_CLVS012 > 1/3 GL U GL > 1/10 P4
				483	Mogħoż u bdabad speċjalisti	Mogħoż u bdabad > 2/3 tal-bhejjem li jirgħu, U bhejjem li jirgħu > 1/10 tal-bhejjem li jirgħu u tal-foraġġ	P4 > 2/3	Azjendi li jissodisfaw il-kundizzjoni C1, għajr l-azjendi fil-klassijiet 450, 460 u 470	SO_CLVS015 > 2/3 GL U GL > 1/10 P4
				484	Bhejjem varji li jirgħu	Azjendi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet C1 u C2, għajr l-azjendi fil-klassijiet 481, 482 u 483	P4 > 2/3	Azjendi li jissodisfaw il-kundizzjoni C1, għajr l-azjendi fil-klassijiet 450, 460 u 470	

▼M5

Tipi ta' biedja (*biex ikunu jistgħu jinqraw aktar faċilment, is-sitt kolonni ta' taħt din l-intestatura ġew riprodotti fil-Parti C ta' dan l-Anness)						Metodi għall-kalkolu ta' tipi partikolari ta' speċjalizzazzjonijiet tal-biedja JEKK (C1) U (C2) U (C3), ALLURA (S1)			
Ġenerali	Deskrizzjoni	Prinċipali	Deskrizzjoni	Speċjalizzaz-zjonijiet partikolari	Deskrizzjoni (S1)	Deskrizzjoni tal-kalkolu (D1)	Kodiċi tal-varjabbli u l-kundizzjonijiet (ref. il-Parti B ta' dan l-Anness)		
							Kundizzjoni 1 (C1)	Kundizzjoni 2 (C2)	Kundizzjoni 3 (C3)
5	Granivori speċjalisti								
		51	Ħnieżer speċjalisti						
				511	Trobbija tal-ħnieżer speċjalisti	Ħnieżer nisa tat-tgħammir > 2/3	P5 > 2/3	P51 > 2/3	SO_CLVS019 > 2/3
				512	Tismin tal-ħnieżer speċjalisti	Qżieqeż u ħnieżer oħrajn > 2/3	P5 > 2/3	P51 > 2/3	SO_CLVS018 + SO_CLVS020 > 2/3
				513	Trobbija u tismin tal-ħnieżer ikkombinati	Azjendi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet C1 u C2, għajr l-azjendi fil-klassijiet 511 u 512	P5 > 2/3	P51 > 2/3	
		52	Pollam speċjalist						

▼M5

Tipi ta’ biedja (*biex ikunu jistgħu jinqraw aktar faċilment, is-sitt kolonni ta’ taħt din l-intestatura ġew riprodotti fil-Parti C ta’ dan l-Anness)						Metodi għall-kalkolu ta’ tipi partikolari ta’ speċjalizzazzjonijiet tal-biedja JEKK (C1) U (C2) U (C3), ALLURA (S1)			
Ġenerali	Deskrizzjoni	Prinċipali	Deskrizzjoni	Speċjalizzaz-zjonijiet partikolari	Deskrizzjoni (S1)	Deskrizzjoni tal-kalkolu (D1)	Kodiċi tal-varjabbli u l-kundizzjonijiet (ref. il-Parti B ta’ dan l-Anness)		
							Kundizzjoni 1 (C1)	Kundizzjoni 2 (C2)	Kundizzjoni 3 (C3)
		53	Granivori varji kkombinati	521	Tiġieġ tal-bajd speċjalisti	Tiġieġ tal-bajd > 2/3	P5 > 2/3	P52 > 2/3	SO_CLVS022 > 2/3
				522	Laħam tal-pollam speċjalist	Tiġieġ tas-simna u pollam ieħor > 2/3	P5 > 2/3	P52 > 2/3	SO_CLVS021 + SO_CLVS023 > 2/3
				523	Tiġieġ tal-bajd u laħam tal-pollam ikkombinati	Azjendi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet C1 u C2, għajr l-azjendi fil-klassijiet 521 u 522	P5 > 2/3	P52 > 2/3	
				530	Granivori varji kkombinati	Azjendi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet C1 u C2, għajr l-azjendi fil-klassijiet 511 sa 523	P5 > 2/3		

▼M5

Azjendi mħallta

Xi entrati tad-*data* jiġu inklużi b’mod simultanju, individwalment jew bħala komponenti ta’ aggregati, fi gruppi jew f’kategoriji oħra fit-Tabelli D “Assi”, H “Mezzi tal-Produzzjoni” u/jew I “Għelejjel”.

Iridu jintużaw **il-kategoriji** li ġejjin:

50. Demel organiku

60. Drittijiet għall-pagamenti bl-iskema tal-ħlas bażiku.

▼M5

Iridu jintużaw **il-gruppi ta' informazzjoni** li ġejjin:

E.QQ. Kwantità (li trid tiġi rreġistrata għall-kolonni N, I, O biss)

L-unitajiet li jridu jintużaw huma:

— Kategorija 50 (demel organiku): l-għadd ta' annimali kkonvertit b'fatturi ta' konverżjoni standard għall-eskrezzjoni tad-demel,

— Kategorija 60 (skema tal-ħlas bażiku): għadd ta' intitolamenti/ares

E.QP. Kwoti mixtrija (iridu jiġu rreġistrati għall-kolonna N biss)

Jenħtieġ jiġi rreġistrat l-ammont imħallas għax-xiri, matul is-sena tal-kontabbiltà, ta' kwoti jew ta' drittijiet oħra li jistgħu jiġu nnegozjati b'mod separat mill-art assoċjata magħhom.

E.QS. Kwota mibjugħa (iridu jiġu rreġistrati għall-kolonna N biss)

L-ammont riċevut għall-bejgħ ta' kwoti jew ta' drittijiet oħra matul is-sena tal-kontabbiltà, li jistgħu jiġu nnegozjati b'mod separat mill-art assoċjata magħhom.

E.OV. Valwazzjoni tal-ftuħ (trid tiġi rreġistrata għall-kolonna N biss)

Jenħtieġ li l-valur tal-valwazzjoni tal-ftuħ tal-kwantitajiet li jinsabu għad-dispożizzjoni tad-detentur, irrispettivament jekk inkisbux oriġinarjament b'xejn jew jekk inxtrawx, jiġi rreġistrat skont il-valuri attwali tagħhom fis-suq, jekk il-kwoti jkunu jistgħu jiġu nnegozjati b'mod separat mill-art assoċjata magħhom.

E.CV. Valwazzjoni tal-għeluq (trid tiġi rreġistrata għall-kolonna N biss)

Jenħtieġ li l-valur tal-valwazzjoni tal-għeluq tal-kwantitajiet li jinsabu għad-dispożizzjoni tad-detentur, irrispettivament jekk inkisbux oriġinarjament b'xejn jew jekk inxtrawx, jiġi rreġistrat skont il-valuri attwali tagħhom fis-suq, jekk il-kwoti jkunu jistgħu jiġu nnegozjati b'mod separat mill-art assoċjata magħhom.

E.PQ. Pagamenti għall-kwoti mogħtija b'kera jew b'ċens (iridu jiġu rreġistrati għall-kolonna I biss)

L-ammont imħallas għall-għoti b'ċens jew b'kera ta' kwoti jew ta' drittijiet oħra. Dan jiġi inkluż ukoll mal-kera mħallsa fil-kategorija 5070 (Kera mħallsa) fit-Tabella H "Mezzi tal-Produzzjoni".

E.RQ. Introjti minn kwoti mogħtija b'kera jew b'ċens (iridu jiġu rreġistrati għall-kolonna O biss)

L-ammont riċevut għall-għoti b'kera jew b'ċens ta' kwoti jew ta' drittijiet oħra. Dan jiġi inkluż ukoll fil-kategorija 90900 ("Oħrajn") tat-Tabella I "Għelejjel".

E.TX. Taxxi, imposta addizzjonali (il-kolonna T)

Ammont imħallas.

KOLONNI FIT-TABELLA E

Il-kolonna N tirreferi għall-kwoti fil-pussess, il-kolonna I għall-kwoti mikrija mingħand ħaddieħor, il-kolonna O għall-kwoti mikrija lil ħaddieħor, u l-kolonna T għat-taxxi.

▼B

Tabella F

Djun

Struttura tat-tabella

Kategoriji ta' dejn	Kodiċi (*)

Grupp ta' informazzjoni		Kolonni	
		Perjodu qasir	Perjodu twil
		S	**L**
OV	Valutazzjoni tal-ftuħ		
CV	Valutazzjoni tal-għeluq		

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni tal-kategoriji	**S**	**L**
1010	Kummerċjali standard		
1020	Kummerċjali speċjali		
1030	Self lill-familja/privat		
2010	Ammonti pagabbli		—
3000	Obbligazzjonijiet oħra		

L-ammonti indikati għandhom jirreferu biss għall-ammonti li jkunu għadhom pendenti, jiġifieri s-self mingħajr il-pagamenti li jkunu diġà saru.

Għandhom jintużaw il-kategoriji li ġejjin:

— 1010. Dejn — kummerċjali standard — jirreferi għas-self li mhu appoġġjat mill-ebda politika pubblika mmirata għas-self.

— 1020. Dejn — kummerċjali speċjali — jirreferi għas-self li jibbenefika minn appoġġ minn politika pubblika (sussidji għall-interessi, garanziji, eċċ.).

— 1030. Dejn — self lill-familja/privat — self mogħti lil persuna fiżika bis-saħħa tar-relazzjoni familjari/privata tagħha mad-debitur.

— 2010. Ammonti pagabbli — ammonti dovuti lil fornituri.

— 3000. Obligazzjonijiet oħra — obbligazzjonijiet differenti minn self jew ammonti pagabbli.

Għandhom jiġu rreġistrati żewġ gruppi ta' informazzjoni: (OV) il-valutazzjoni tal-ftuħ (CV) u l-valutazzjoni tal-għeluq.

Hemm żewġ kolonni: (S) obbligazzjonijiet fuq medda ta' żmien qasir u (L) obbligazzjonijiet fuq medda ta' żmien twil:

— Obbligazzjonijiet fuq medda ta' żmien qasir — djun u obbligazzjonijiet oħra b'rabta mal-azjenda li jkunu dovuti f'inqas minn sena.

— Obbligazzjonijiet fuq medda ta' żmien twil — djun u obbligazzjonijiet oħra b'rabta mal-azjenda għal tul ta' sena jew aktar.

▼B

Tabella G.

Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT)

Struttura tat-tabella

Kategorija tas-sistemi ta' VAT		Kodiċi (*)		
Grupp ta' informazzjoni		Sistema ta' VAT	Bilanċ tat-tranżazzjonijiet li mhumiex investimenti	Bilanċ tat-tranżazzjonijiet tal-investiment
		C	**NI**	**I**
VA	Sistemi ta' VAT fl-azjenda agrikola			

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni tal-kategoriji
1010	Sistema ta' VAT ewlenija fl-azjenda agrikola
1020	Sistema ta' VAT minoritarja fl-azjenda agrikola

Lista ta' sistemi ta' VAT għaż-żewġ kategoriji	**C**	**NI**	**I**
Sistema normali ta' VAT	1	—	—
Sistema ta' kumpens parzjali	2		

L-informazzjoni monetarja fil-prospett al-biedja għandha tingħata mingħajr il-VAT.

Id-dettalji li ġejjin fuq il-VAT għandhom jiġu pprovduti bħala kategoriji:

1010. Sistema ta' VAT ewlenija fl-azjenda agrikola

1. Sistema normali ta' VAT— is-sistema ta' VAT li tiggarantixxi newtralità rigward l-introjtu għall-azjendi agrikoli billi l-bilanċ tal-VAT jiġi kklerjat mal-awtoritajiet tat-taxxa.

2. Sistema ta' kumpens parzjali— is-sistema ta' VAT li ma tiggarantixxix newtralità rigward l-introjtu għall-azjendi agrikoli, għalkemm tista' tinkludi xi mekkaniżmu approssimattiv biex jiġi kkumpensat il-VAT imħallas u riċevut.

1020. Sistema ta' VAT minoritarja fl-azjenda agrikola

Kodiċijiet kif iddefiniti għas-sistema tal-VAT ewlenija.

Hemm biss grupp ta' informazzjoni wieħed (VA) dwar is-sistema ta' VAT fl-azjenda agrikola.Hemm tliet kolonni: (C) kodiċi tas-sistema ta' VAT, (NI) bilanċ tat-tranżazzjonijiet li mhumiex investimenti u (I) bilanċ tat-tranżazzjonijiet tal-investiment.

Għas-sistema normali ta' VAT tiddaħħal biss l-indikazzjoni tagħha. Jekk l-azjenda agrikola tkun soġġetta għas-sistema ta' kumpens parzjali tal-VAT, għandhom jiġu pprovduti wkoll il-bilanċ tal-VAT għat-tranżazzjonijiet li mhumiex investimenti u l-bilanċ tal-VAT għat-tranżazzjonijiet tal-investiment.

Meta d-dħul mill-VAT iżid il-fatturat tal-azjenda, il-bilanċ tal-VAT ta' hawn fuq ikun ċifra pożittiva. F'każ li d-dħul jonqos, il-bilanċ ikun negattiv.

▼B

Tabella H.

Mezzi ta' produzzjoni

Struttura tat-tabella

Kategorija ta' mezzi ta' produzzjoni	Kodiċi (*)

Grupp ta' informazzjoni		Kolonni	
		Valur	Kwantità
		V	**Q**
LM	Spejjeż u mezzi ta' produzzjoni marbutin mal-ħaddiema u l-makkinarju		
SL	Spejjeż speċifiċi għall-bhejjem		
SC	Spejjeż speċifiċi u mezzi ta' produzzjoni marbutin mal-uċuħ tar-raba'		
OS	Spejjeż speċifiċi għal attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ		
FO	Spejjeż ġenerali u regolari tal-irziezet		

Kodiċi (*)	Grupp	Deskrizzjoni tal-kategoriji	**V**	**Q**
1010	**LM**	Spejjeż ta' pagi u sigurtà soċjali għall-ħaddiema mħallsa		—
1020	**LM**	Xogħol b'kuntratt u kiri ta' makkinarju		—
1030	**LM**	Manutenzjoni preżenti ta' makkinarju u apparat		—
1040	**LM**	Fjuwils u lubrikanti tal-mutur		—
1050	**LM**	Spejjeż tal-karozzi		—
2010	**SL**	Għalf ikkonċentrat mixtri għal bhejjem li jirgħu (ekwini, ruminanti)		—
2020	**SL**	Għalf mhux irraffinat mixtri għal bhejjem li jirgħu (ekwini, ruminanti)		—
2030	**SL**	Għalf mixtri għall-qżieqeż		—
2040	**SL**	Għalf mixtri għall-pullam u annimali żgħar oħra		—
2050	**SL**	Għalf prodott fl-azjenda għal bhejjem li jirgħu (ekwini, ruminanti)		—
2060	**SL**	Għalf prodott fl-azjenda għall-qżieqeż		—
2070	**SL**	Għalf prodott fl-azjenda għall-pullam u annimali żgħar oħra		—
2080	**SL**	Spejjeż veterinarji		—
2090	**SL**	Spejjeż speċifiċi oħrajn tal-bhejjem		—
3010	**SC**	Żerriegħa u nebbieta mixtrija		—
3020	**SC**	Żerriegħa u nebbieta mkabbra u użati fl-azjenda		—

▼B

Kodiċi (*)	Grupp	Deskrizzjoni tal-kategoriji	V	Q
3030	**SC**	Fertilizzanti u sustanzi li jtejbu l-ħamrija		—
▼C1 3031	**SC**	Il-kwantità ta' N fil-fertilizzanti minerali użati	—	
3032	**SC**	Il-kwantità ta' P_2O_5 fil-fertilizzanti minerali użati	—	
3033	**SC**	Il-kwantità ta' K_2O fil-fertilizzanti minerali użati	—	
▼B 3034	**SC**	Demel mixtri		—
3040	**SC**	Prodotti għall-ħarsien tal-uċuħ tar-raba'		—
3090	**SC**	Spejjeż oħra speċifiċi relatati mal-uċuħ tar-raba'		—
4010	**OS**	Spejjeż speċifiċi marbutin mal-forestrija u l-ipproċessar tal-injam		—
4020	**OS**	Spejjeż speċifiċi marbutin mal-ipproċessar tal-uċuħ tar-raba'		—
4030	**OS**	Spejjeż speċifiċi marbutin mal-ipproċessar tal-prodotti tal-ħalib tal-baqar		—
4040	**OS**	Spejjeż speċifiċi marbutin mal-ipproċessar tal-ħalib tal-bufli		—
4050	**OS**	Spejjeż speċifiċi marbutin mal-ipproċessar tal-ħalib tan-nagħaġ		—
4060	**OS**	Spejjeż speċifiċi marbutin mal-ipproċessar tal-prodotti tal-ħalib tal-mogħoż		—
4070	**OS**	Spejjeż speċifiċi marbutin mal-ipproċessar tal-laħam u ta' prodotti oħra tal-annimali		—
4090	**OS**	Spejjeż speċifiċi oħra marbutin ma' attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ		—
5010	**FO**	Manutenzjoni kurrenti tat-titjib tal-art u l-bini		—
5020	**FO**	Elettriku		—
5030	**FO**	Fjuwils għat-tisħin		—
5040	**FO**	Ilma		—
5051	**FO**	Assigurazzjoni agrikola		—
5055	**FO**	Assigurazzjonijiet oħra tal-azjendi agrikoli		—
5061	**FO**	Taxxi u drittijiet oħrajn		—
▼M1 5062	**FO**	Taxxi u pagamenti oħrajn fuq art u bini		—
▼B 5070	**FO**	Kera mħallsa, total		—
5071	**FO**	Kera mħallsa għall-art		—
5080	**FO**	Imgħax u pagamenti finanzjarji mħallsa		—
5090	**FO**	Spejjeż ġenerali oħrajn tal-biedja		—

▼B

Mhijiex obbligatorja li tingħata l-►C2 informazzjoni ◄ msemmija fil-kodiċijiet 3031 sa 3033 għas-snin tal-kontabbiltà mill-2014 sal-2017 għal dawk l-Istati Membri li fil-passat użaw il-possibbiltà fl-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 385/2012 ([1]). L-Istati Membri li jieħdu din l-għażla jridu kull sena jinfumaw lill-Kummissjoni u lill-Kumitat Komunitarju għan-Netwerk tal-►C2 Informazzjoni ◄ dwar il-Kontabbiltà tal-Irziezet dwar l-implimentazzjoni tal-pjan tagħhom għat-tħejjija tal-ġbir u t-trażmissjoni tal-►C2 informazzjoni ◄ msemmija f'dawn il-kodiċijiet.

Il-mezzi ta' produzzjoni tal-irziezet (spejjeż fi flus kontanti u *in natura*, u kwantitajiet ta' mezzi ta' produzzjoni magħżula) huma marbuta mal-"konsum" ta' riżorsi produttivi (inkluż l-użu fl-azjenda ta' mezzi ta' produzzjoni prodotti hemmhekk stess) li jikkorrispondu mal-produzzjoni tal-azjenda waqt is-sena ta' kontabbiltà jew mal-"konsum" ta' dawk ir-riżorsi tul is-sena ta' kontabbiltà. Meta ċertu użu jirreferi, f'parti minnu, għall-użu privat u, f'parti oħra, għall-użu mill-azjenda (pereżempju elettriku, ilma, fjuwils għat-tisħin u fjuwils tal-mutur, eċċ.), hija biss din l-aħħar parti li għandha tkun inkluża fil-prospett tal-biedja. Għandu wkoll ikun inkluż il-proporzjon tal-użu tal-karozzi privati li jikkorrispondi għall-użu tagħhom għal skopijiet marbutin mal-azjenda.

Meta jiġu kkalkulati l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-produzzjoni tas-sena ta' kontabbiltà, ix-xiri u l-użu mill-azjenda waqt is-sena għandhom jiġu aġġustati skont il-bidliet fil-valutazzjoni (inklużi bidliet fil-kultivazzjonijiet). Għal kull oġġett it-total ta' spejjeż imħallsa u l-valur tal-użu mill-azjenda agrikola għandhom jiġu rreġistrati separatament.

▼M5

Jekk l-ispejjeż indikati jkunu għall-"konsum" totali tal-mezzi tal-produzzjoni tul is-sena tal-kontabbiltà iżda ma jkunux jikkorrispondu mal-produzzjoni tul dik is-sena, jenħtieġ li l-bidliet fl-istokks tal-mezzi tal-produzzjoni jiġu indikati fit-Tabella D taħt il-kodiċi 1040 Inventarji, għajr għall-ispejjeż imġarrba għat-tkabbir tal-għelejjel permanenti u tal-għelejjel weqfin li jenħtieġ jiġu rreġistrati fl-Assi bijoloġiċi 2010 – pjanti.

▼B

Meta r-riżorsi ta' produzzjoni tal-azjenda (ħaddiema mħallsa jew mhux imħallsa, makkinarju jew tagħmir) jintużaw biex iżidu l-assi fissi (kostruzzjoni jew tiswijiet maġġuri ta' makkinarju, kostruzzjoni, tiswijiet maġġuri jew saħansitra tiġrif ta' bini, tħawwil jew qtugħ ta' siġar tal-frott), l-ispejjeż korrispondenti — jew stima tagħhom — ma għandhomx jiġu inklużi fl-ispejjeż tal-operat tal-azjenda. F'kull każ, l-ispejjeż tax-xogħol u s-sigħat maħduma għall-produzzjoni ta' assi fissi għandhom jiġu esklużi kemm mill-ispejjeż kif ukoll mill-informazzjoni dwar il-ħaddiema. F'każijiet eċċezzjonali, jekk ċerti spejjeż (apparti minn spejjeż ta' xogħol) użati għall-produzzjoni ta' assi fissi ma jkunux jistgħu jiġu kkalkulati separatament (pereżempju l-użu tat-trattur tal-azjenda) u jekk dan l-infiq jiġi mbagħad inkluż taħt l-ispejjeż, stima ta' dawn l-ispejjeż kollha użati għall-produzzjoni ta' assi fissi għandha tiddaħħal fit-Tabella I "Uċuħ tar-raba'" mal-kategorija tal-kodiċi tal-uċuħ tar-raba' 90900 ("Oħrajn").

L-ispejjeż marbuta mal-"konsum" ta' assi kapitali huma rrappreżentati mid-deprezzament, u b'hekk l-infiq fuq l-akkwist ta' assi kapitali ma għandux jitqies bħala nfiq tal-azjenda. Għal istruzzjonijiet rigward id-deprezzament ara t-Tabella D "Assi".

L-infiq fuq oġġetti kkumpensati waqt is-sena ta' kontabbiltà jew iktar tard (pereżempju tiswijiet fi trattur b'riżultat ta' inċident kopert minn polza ta' assigurazzjoni jew mir-responsabbiltà ta' parti terza) ma għandux jitniżżel bħala spejjeż tal-razzett, u d-dħul korrispondenti ma għandux jiġi inkluż fil-kontijiet tar-azjenda.

Id-dħul mill-bejgħ mill-ġdid ta' provvisti mixtrija għandu jitnaqqas mill-mezzi ta' produzzjoni korrispondenti.

([1]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 385/2012 tat-30 ta' April 2012 dwar il-prospett tal-biedja li għandu jintuża għall-iskop li jiġu ddeterminati l-introjti tal-azjendi agrikoli u li tiġi analizzata l-ħidma kummerċjali ta' tali azjendi (ĠU L 127, 15.5.2012, p. 1).

▼B

L-għotjiet u s-sussidji marbuta ma' spejjeż ma għandhomx jitnaqqsu mill-oġġetti ta' spejjeż korrispondenti, imma għandhom jitniżżlu taħt kodiċijiet rilevanti mill-4100 sal-4900 fit-Tabella M “Sussidji” (ara l-istruzzjonijiet rigward dawk il-kodiċijiet). L-għotjiet u sussidji għall-investimenti jidhru fit-Tabella D “Assi”.

L-ispejjeż jinkludu wkoll kull infiq fuq xiri relatat ma' kull oġġett ta' spiża.

Il-mezzi ta' produzzjoni huma kklassifikati kif ġej:

1010. Spejjeż ta' pagi u sigurtà soċjali għall-ħaddiema mħallsa

Din il-partita tinkludi dawn li ġejjin:

— salarji u pagi attwalment imħallsa fi flus kontanti lil min jaqla' paga irrispettivament mill-bażi tar-remunerazzjoni (xogħol bl-imqieta jew bis-siegħa), bi tnaqqis ta' kull konċessjoni soċjali mħallsa lid-detentur, fil-kapaċità tiegħu bħala min iħaddem, bħala kumpens għall-ħlas ta' salarju li ma jikkorrispondix għal xogħol li attwalment ikun sar (pereżempju assenza mix-xogħol minħabba inċident, taħriġ vokazzjonali, eċċ.),

— salarji u pagi in natura (pereżempju akkomodazzjoni, ikel, abitazzjoni, prodotti tal-azjenda, eċċ.),

— bonusijiet għall-produttività jew għal kwalifiki, rigali, affarijiet b'xejn, qsim tal-qligħ,

— infiq ieħor relatat mal-ħaddiema (spejjeż tar-reklutaġġ),

— pagamenti tas-sigurtà soċjali li għandhom isiru minn min iħaddem u dawk imħallsa minnu f'isem u minflok l-impjegat,

— assigurazzjoni kontra inċidenti fuq il-post tax-xogħol.

Il-pagamenti ta' sigurtà soċjali personali tad-detentur u l-assigurazzjoni relatata u dawk tal-ħaddiema mhux imħallsa ma għandhomx jitqiesu bħala spejjeż tal-azjenda agrikola.

L-ammonti li jirċievu l-ħaddiema mhux imħallsa (li skont id-definizzjoni huma inqas minn paga normali — ara d-definizzjoni ta' xogħol bla ħlas) ma għandhomx jidhru fil-prospett tal-biedja.

Konċessjonijiet (fi flus kontanti jew in natura) imħallsa lill-ħaddiema mħallsa rtirati u li ma għadhomx impjegati mal-azjenda ma għandhomx jidħlu taħt dan il-partita, imma taħt il-kodiċi “Spejjeż ġenerali u regolari oħrajn tal-biedja”.

1020. Xogħol b'kuntratt u kiri ta' makkinarju

Din il-partita tinkludi dawn li ġejjin:

— nefqa totali fir-rigward tax-xogħol fl-azjenda imwettaq minn kuntratturi agrikoli. Dan jinkludi ġeneralment il-prezz tal-użu ta' tagħmir (inkluż il-fjuwil) u x-xogħol. Fil-każ li l-prezz tal-materjali użati, minbarra l-fjuwil (jiġifieri prodotti għall-ħarsien tal-uċuħ tar-raba', fertilizzanti u żrieragħ), ikun ukoll inkluż fil-kuntratt, il-prezz ta' dawn il-materjali għandu jkun eskluż. Dan l-ammont (jekk meħtieġ issir stima) għandu jiddaħħal taħt il-prezz tal-prodott korrispondenti (pereżempju l-pestiċidi għandhom jiġu rreġistrati taħt il-kodiċi 3040 “Prodotti għall-ħarsien tal-uċuħ tar-raba”),

▼B

— l-ispiża tal-kiri ta' magni użati mill-ħaddiema tal-azjenda. L-ispejjeż tal-fjuwil użat f'makkinarju mikri għandu jiġi rreġistrat taħt il-kodiċi 1040 “Fjuwils u lubrikanti tal-mutur”,

— l-ispiża tal-kiri fit-tul (leasing) ta' magni użati mill-ħaddiema tal-azjenda. L-ispejjeż tal-fjuwil u tal-manutenzjoni ta' magni mikrija għandhom jiġu rreġistrati taħt il-kodiċi rilevanti (kodiċi 1030 “Manutenzjoni preżenti ta' makkinarju u apparat” u 1040 “Fjuwils u lubrikanti tal-mutur”).

1030. Manutenzjoni preżenti ta' makkinarju u apparat

L-ispiża tal-manutenzjoni ta' makkinarju u tagħmir u ta' tiswijiet żgħar li ma jaffettwawx il-valur fis-suq tal-apparat (ħlas tal-mekkanik, prezz tal-partijiet li jissostitwixxu dawk difettużi, eċċ.).

Din il-partita tinkludi x-xiri ta' tagħmir żgħir, l-ispejjeż ta' oġġetti magħmulin minn sarraġġ u tax-xogħol tan-nagħal taż-żwiemel, ix-xiri ta' tajers, oqfsa ta' appoġġ, ħwejjeġ protettivi għal xogħol insanitarju, deterġenti għat-tindif ta' tagħmir b'mod ġenerali, u l-proporzjon tal-ispejjeż tal-karrozzi privati li jikkorrispondu għall-użu tagħhom għal skopijiet tal-azjenda (ara wkoll il-kodiċi 1050). Id-deterġenti użati għat-tindif ta' tagħmir tal-bhejjem (pereżempju magni tal-ħalib) għandhom jiddaħħlu taħt il-kodiċi 2090 “Spejjeż speċifiċi oħrajn tal-bhejjem”.

Tiswijiet maġġuri li jżidu l-valur tat-tagħmir meta mqabbel mal-valur tiegħu qabel ma jsiru t-tiswijiet mhumiex inklużi taħt dan il-kodiċi (ara wkoll l-istruzzjonijiet dwar id-deprezzament fit-tabella D “Assi”).

1040. Fjuwils u lubrikanti tal-mutur

Din il-partita tinkludi wkoll il-proporzjon tal-ispejjeż tal-fjuwils u l-lubrikanti għall-karozzi privati li jikkorrispondi għall-użu tagħhom għal skopijiet tal-azjenda (ara wkoll il-kodiċi 1050).

Fejn il-prodotti jintużaw kemm bħala fjuwil tal-mutur kif ukoll għat-tisħin, is-somma totali tinqasam f'żewġ kodiċijiet:

1040. “Fjuwils u lubrikanti tal-mutur”

5030. “Fjuwils għat-tisħin”.

1050. Spejjeż tal-karozzi

Meta l-proporzjon tal-azjenda agrikola mill-ispiża fuq karrozzi privati jiġi kkalkulat b'mod arbitrarju (pereżempju ammont fiss għal kull kilometru), dawn l-ispejjeż jiġu indikati taħt dan il-kodiċi.

Għalf tal-bhejjem

L-għalf użat jinqasam f'dak mixtri u dak prodott fl-azjenda.

L-għalf tal-bhejjem mixtri jinkludi supplimenti minerali, prodotti tal-ħalib (mixtrija jew irritornati lill-azjenda) u prodotti għall-preservazzjoni u l-ħżin ta' għalf tal-bhejjem, kif ukoll in-nefqa fuq ir-ragħa, fuq l-użu ta' għelieqi u mergħat komuni mhux inklużi fl-EAU, u fuq il-kiri ta' art għat-tkabbir tal-għalf mhux inkluża fl-EAU. Il-mifrex u t-tiben mixtrija huma inklużi wkoll mal-għalf tal-bhejjem mixtri.

▼B

L-għalf mixtri għall-bhejjem li jirgħu huwa subdiviż f'għalf ikkonċentrat u għalf mhux ipproċessat (inklużi in-nefqa fuq ir-ragħa u l-użu ta' għelieqi u mergħat komuni u artijiet għat-tkabbir tal-għalf mhux inklużi fl-EAU, u l-mifrex u t-tiben mixtrija).

Il-kodiċi 2010 “Għalf ikkonċentrat mixtri għal bhejjem li jirgħu (ekwini, ruminanti)” jinkludi b'mod partikolari kejkijiet taż-żejt, għalf kompost, ċereali, ħaxix imnixxef, polpa mnixxfa tal-pitrava zokkrija, ħut mitħun, ħalib u prodotti tal-ħalib, minerali u prodotti għall-preservazzjoni u l-ħżin ta' dan l-għalf tal-bhejjem.

In-nefqa fuq xogħol imwettaq minn kuntratturi agrikoli għall-produzzjoni ta' foraġġ mhux ipproċessat, pereżempju ħżin ta' ħaxix tal-għalf f'sajlo, għandu jitniżżel taħt il-kodiċi 1020 “Xogħol b'kuntratt u kiri ta' makkinarju”.

L-għalf tal-bhejjem prodott u użat fl-azjenda jinkludi prodotti tal-azjenda użati bħala għalf tal-bhejjem li jistgħu jinbiegħu (inkluż ħalib u prodotti tal-ħalib, imma eskluż il-ħalib li jerdgħu l-għoġġiela, li ma għandux jitqies). Il-mifrex u t-tiben prodotti mill-azjenda huma inklużi biss jekk ikunu prodott li jista' jinbiegħ fir-reġjun u fis-sena inkwistjoni.

Għandha tingħata l-analiżi ekonomika li ġejja:

— *Għalf mixtri:*

2010. Għalf ikkonċentrat mixtri għal bhejjem li jirgħu (ekwini, ruminanti)

2020. Għalf mhux irraffinat mixtri għal bhejjem li jirgħu (ekwini, ruminanti)

2030. Għalf mixtri għall-qżieqeż

2040. Għalf mixtri għall-pullam u annimali żgħar oħra

— *Għalf prodott fl-azjenda li l-azjendi jużawh bħala:*

2050. Għalf prodott fl-azjenda għal bhejjem li jirgħu (ekwini, ruminanti)

2060. Għalf prodott fl-azjenda għall-qżieqeż

2070. Għalf prodott fl-azjenda għall-pullam u annimali żgħar oħra

2080. Spejjeż veterinarji

L-ispejjeż tal-miżati tal-veterinarji u tal-mediċini.

2090. Spejjeż speċifiċi oħrajn tal-bhejjem

In-nefqa kollha direttament marbuta mal-produzzjoni tal-bhejjem li ma jaqgħu taħt ebda dispożizzjoni separata fil-kodiċijiet l-oħrajn tat-Tabella H: pagamenti għall-kiri taż-żwiemel tar-razza għat-tgħammir, inseminazzjoni artifiċjali, tiswija, testijiet tal-ħalib, abbonament u reġistrazzjoni fil-kotba tal-merħliet, deterġenti għat-tindif ta' tagħmir tal-bhejjem (pereżempju magni tal-ħlib), materjali tal-ippakkjar għal prodotti tal-bhejjem, l-ispejjeż tal-ħżin u l-preparazzjoni għas-suq ta' prodotti tal-bhejjem tal-azjenda magħmula barra l-azjenda, l-ispiża tal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tal-bhejjem tal-azjenda, l-ispejjeż tar-rimi tad-demel żejjed, eċċ. L-ispejjeż jinkludu wkoll il-kiri għal żmien qasir ta' bini użat għaż-żamma ta' annimali jew għall-ħżin ta' prodotti konnessi magħhom. Ma jinkludux l-ispejjeż speċifiċi tal-ipproċessar ta' prodotti tal-annimali kif irreġistrati taħt il-kodiċijiet mill-4030 sal-4070 tat-Tabella H.

▼B

3010. Żerriegħa u nebbieta mixtrija

Iż-żerriegħa u n-nebbieta mixtrija kollha, inklużi basal, basal tal-qasab, u tuberi. L-ispejjeż ta' siġar żgħar u buxxijiet għal tħawwil mill-ġdid jirrappreżentaw investiment u għandhom jidhru jew taħt il-kodiċi 2010 tat-Tabella D "Assi bijoloġiċi — pjanti" jew taħt il-kodiċi 5010 tat-Tabella D "Art tal-foresti, inkluż injam wieqaf". Madankollu, l-ispejjeż tas-siġar żgħar u buxxijiet għal operazzjoni minuri ta' tħawwil mill-ġdid għandhom jitqiesu bħala spejjeż għas-sena ta' kontabbiltà u għandhom jiġu indikati taħt il-kodiċi preżenti ħlief għal dawk li għandhom x'jaqsmu ma' foresti marbuta mal-azjenda agrikola, li għandhom jiġu rreġistrati taħt il-kodiċi 4010 "Spejjeż speċifiċi tal-forestrija u l-ipproċessar tal-injam".

L-ispejjeż tal-ipproċessar taż-żerriegħa (tqassim diżinfettar) huma inklużi wkoll taħt dan il-kodiċi.

3020. Żerriegħa u nebbieta mkabbra u użati fl-azjenda

Iż-żerriegħa u n-nebbieta mixtrija kollha (inklużi basal, basal tal-qasab u tuberi) imkabbra u użati fl-azjenda.

3030. Fertilizzanti u sustanzi li jtejbu l-ħamrija

Il-fertilizzanti u s-sustanzi kollha mixtrija għat-titjib tal-ħamrija (pereżempju lumi aħdar), inklużi kompost, pit u demel (esklużi demel prodott fl-azjenda).

Il-fertilizzanti u s-sustanzi li jtejbu l-ħamrija użati għall-foresti li jiffurmaw parti mill-azjenda agrikola għandhom jitniżżlu taħt il-kodiċi 4010 "Spejjeż speċifiċi tal-forestrija u tal-ipproċessar tal-injam".

3031. Il-kwanitità ta' nitroġenu (N) fil-fertilizzanti minerali użati

Il-kwantità totali (piż) ta' nitroġenu f'termini ta' N inkluż fil-fertilizzanti minerali użati, stmata abbażi tal-kwantità tal-fertilizzanti minerali u n-N li fihom.

3032. Il-kwantità ta' fosfru ((P_2O_5)) fil-fertilizzanti minerali użati

Il-kwantità totali (piż) tal-fosfru f'termini ta' P_2O_5 fil-fertilizzanti minerali użati, stmata abbażi tal-kwantità tal-fertilizzanti minerali u l-P_2O_5 li fihom.

3033. Il-kwantità ta' potassju ((K_2O) fil-fertilizzanti minerali użati

Il-kwantità totali (piż) tal-potassju f'termini ta' K_2O fil-fertilizzanti minerali użati, stmata abbażi tal-kwantità tal-fertilizzanti minerali u l-K_2O li fihom.

3034. Demel mixtri

Il-valur tad-demel mixtri.

▼B

3040. Prodotti għall-ħarsien tal-uċuħ tar-raba'

Il-materjal kollu għall-ħarsien tal-uċuħ tar-raba' u tal-pjanti kontra organiżmi ta' ħsara u mard, predaturi, temp ħażin, eċċ. (insettiċidi, fungiċidi, erbiċidi, lixki bil-velenu, affarijiet li jbeżżgħu l-għasafar, gverti kontra s-silġ, ħarsien kontra l-ġelu, eċċ.). Jekk l-operazzjonijiet għall-ħarsien tal-uċuħ tar-raba' jitwettqu minn kuntrattur u jekk il-prezz tal-materjali ta' protezzjoni użati ma jkunx magħruf separatament, it-total għandu jiddaħħal taħt il-kodiċi 1020 "Xogħol b'kuntratt u kiri ta' makkinarju".

Il-materjali protettivi użati għall-foresti li jiffurmaw parti mill-azjenda agrikola għandhom jiġu rreġistrati taħt il-kodiċi 4010 "Spejjeż speċifiċi marbutin mal-forestrija u mal-ipproċessar tal-injam".

3090. Spejjeż oħra speċifiċi relatati mal-uċuħ tar-raba'

L-ispejjeż kollha direttament relatati mal-produzzjoni tal-uċuħ tar-raba' (inklużi mergħat u bur permanenti) li għalihom ma hemm l-ebda dispożizzjoni separata fl-oġġetti ta' spejjeż l-oħrajn: materjali tal-ippakkjar u l-irbit, spagi u ħbula, l-ispejjeż tal-analiżi tal-ħamrija, spejjeż tal-kompetizzjoni tal-uċuħ tar-raba', kisi tal-plastik (pereżempju għat-tkabbir tal-frawli), provvisti għall-preservazzjoni tal-uċuħ tar-raba', ħżin u preparazzjoni għas-suq ta' wċuħ tar-raba' magħmula barra l-azjenda, l-ispiża ta' kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tal-uċuħ tar-raba' tal-azjenda, ammonti mħallsa għax-xiri ta' wċuħ tar-raba' weqfin li jistgħu jitqiegħdu fis-suq jew għall-kiri ta' art għal perjodu ta' inqas minn sena għat-tkabbir ta' wċuħ tar-raba' li jistgħu jitqiegħdu fis-suq, provvisti tal-għeneb u ż-żebbuġ ipproċessati fl-azjenda, eċċ. Dawn l-ispejjeż ma jinkludux l-ispejjeż speċifiċi tal-ipproċessar tal-uċuħ tar-raba' differenti mill-għeneb u ż-żebbuġ, li għandhom jiġu rreġistrati taħt il-kodiċi 4020. Huwa inkluż ukoll il-kiri għal żmien qasir ta' bini użat għal uċuħ tar-raba' li jistgħu jitqiegħdu fis-suq.

4010. Spejjeż speċifiċi marbutin mal-forestrija u l-ipproċessar tal-injam

Fertilizzanti, materjali protettivi, spejjeż speċifiċi mħalltin. Spejjeż ta' ħaddiema, xogħol b'kuntratt u mekkanizzazzjoni mhumiex inklużi; dawn jidhru taħt il-kodiċijiet adegwati ta' spejjeż.

4020. Spejjeż speċifiċi marbutin mal-ipproċessar tal-uċuħ tar-raba'

Ingredjenti, materjali mhux maħduma jew prodotti semiproċessati, tal-azjenda stess jew mixtrija, u spejjeż speċifiċi oħra marbutin mal-ipproċessar tal-uċuħ tar-raba' (pereżempju l-ispejjeż speċifiċi tal-ippakkjar jew tal-kummerċjalizzazzjoni). Spejjeż ta' ħaddiema, xogħol b'kuntratt u mekkanizzazzjoni mhumiex inklużi; dawn jidhru taħt il-kodiċijiet adegwati ta' spejjeż.

4030. Spejjeż speċifiċi marbutin mal-ipproċessar tal-prodotti tal-ħalib tal-baqar

Ingredjenti, materjali mhux maħduma jew prodotti semiproċessati, tal-azjenda stess jew mixtrija, u spejjeż speċifiċi oħra marbutin mal-ipproċessar ta' ħalib tal-baqra (pereżempju l-ispejjeż speċifiċi tal-ippakkjar jew ta' kummerċjalizzazzjoni). Spejjeż ta' ħaddiema, xogħol b'kuntratt u mekkanizzazzjoni mhumiex inklużi; dawn jidhru taħt il-kodiċijiet adegwati ta' spejjeż.

4040. Spejjeż speċifiċi marbutin mal-ipproċessar tal-ħalib tal-bufli

Ingredjenti, materjali mhux maħduma jew prodotti semiproċessati, tal-azjenda stess jew mixtrija, u spejjeż speċifiċi oħra marbutin mal-ipproċessar ta' ħalib tal-bufli (pereżempju l-ispejjeż speċifiċi tal-ippakkjar jew ta' kummerċjalizzazzjoni). Spejjeż ta' ħaddiema, xogħol b'kuntratt u mekkanizzazzjoni mhumiex inklużi; dawn jidhru taħt il-kodiċijiet adegwati ta' spejjeż.

▼B

4050. Spejjeż speċifiċi marbutin mal-ipproċessar tal-ħalib tan-nagħaġ

Ingredjenti, materjali mhux maħduma jew prodotti semiproċessati, tal-azjenda stess jew mixtrija, u spejjeż speċifiċi oħra marbutin mal-ipproċessar ta' ħalib tan-nagħaġ (pereżempju l-ispejjeż speċifiċi tal-ippakkjar jew ta' kummerċjalizzazzjoni). Spejjeż ta' ħaddiema, xogħol b'kuntratt u mekkanizzazzjoni mhumiex inklużi; dawn jidhru taħt il-kodiċijiet adegwati ta' spejjeż.

4060. Spejjeż speċifiċi marbutin mal-ipproċessar tal-prodotti tal-ħalib tal-mogħoż

Ingredjenti, materjali mhux maħduma, jew prodotti semiproċessati, tal-azjenda stess jew mixtrija, u spejjeż speċifiċi oħra marbutin mal-ipproċessar tal-ħalib tal-mogħoż (pereżempju l-ispejjeż speċifiċi tal-ippakkjar jew tal-kummerċjalizzazzjoni). Spejjeż ta' ħaddiema, xogħol b'kuntratt u mekkanizzazzjoni mhumiex inklużi; dawn jidhru taħt il-kodiċijiet adegwati ta' spejjeż.

4070. Spejjeż speċifiċi marbutin mal-ipproċessar tal-laħam u ta' prodotti oħra tal-annimali

Ingredjenti, materjali mhux maħduma, jew prodotti nofshom ipproċessati, tal-azjenda stess jew mixtrija, u spejjeż speċifiċi oħra marbutin mal-ipproċessar tal-laħam jew ta' prodotti oħra tal-annimali mhux imsemmija taħt il-kodiċijiet mill-4030 sal-4060 (pereżempju l-ispejjeż speċifiċi tal-ippakkjar jew tal-kummerċjalizzazzjoni). Spejjeż ta' ħaddiema, xogħol b'kuntratt u mekkanizzazzjoni mhumiex inklużi; dawn jidhru taħt il-kodiċijiet adegwati ta' spejjeż.

4090. Spejjeż speċifiċi oħra marbutin ma' attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ

Materjali mhux maħduma, tal-azjenda stess jew mixtrija, u spejjeż speċifiċi oħra ta' attivitajiet oħra bi skop ta' qligħ. Spejjeż ta' ħaddiema, xogħol b'kuntratt u mekkanizzazzjoni mhumiex inklużi; dawn jidhru taħt il-kodiċijiet adegwati ta' spejjeż.

5010. Manutenzjoni kurrenti tat-titjib tal-art u l-bini

Manutenzjoni (tat-tip tal-inkwilin) ta' bini u titjib tal-art inklużi serer, tipi ta' oqfsa u appoġġi. Ix-xiri ta' materjali tal-bini għall-manutenzjoni kurrenti ta' bini għandu jiddaħħal taħt dan il-kodiċi.

Ix-xiri ta' materjali tal-bini għal investimenti ġodda għandu jiddaħħal taħt il-kodiċijiet rilevanti fil-grupp ta' informazzjoni “Investimenti/Xiri” tat-Tabella D “Assi”.

L-ispejjeż ta' tiswijiet maġġuri fil-bini li jżidu l-valur tiegħu (manutenzjoni maġġuri) mhumiex inklużi taħt dan il-kodiċi. Dawn l-ispejjeż jidhru bħala investimenti taħt il-kodiċi 3030 tat-Tabella D “Binjiet fl-azjenda”.

5020. Elettriku

Il-konsum totali tal-elettriku għall-użu kummerċjali tal-azjenda.

5030. Fjuwils għat-tisħin

Konsum totali ta' fjuwils għat-tisħin għal użu kummerċjali tal-azjenda, inkluż it-tisħin ta' serer.

▼B

5040. Ilma

Spejjeż ta' konnessjoni mal-mejns u konsum ta' ilma għall-iskopijiet kollha tal-azjenda, inkluża t-tisqija. L-ispejjeż għall-użu ta' apparat tal-ilma tal-azjenda għandhom jiddaħħlu taħt il-kodiċijiet xierqa: deprezzament ta' makkinarju u apparat, manutenzjoni kurrenti ta' makkinarju u apparat, fjuwils tal-muturi, elettriku.

5051. Assigurazzjoni agrikola

L-ispejjeż tal-assigurazzjoni b'rabta mal-introjtu li ġej mill-produzzjoni agrikola jew kwalunkwe komponent tagħha, inkluża assigurazzjoni kontra l-mewt ta' annimali u ħsara fl-uċuħ tar-raba' eċċ.

5055. Assigurazzjonijiet oħra tal-azjendi agrikoli

Il-primjums tal-assigurazzjoni kollha li jkopru r-riskji tal-azjenda (għajr dawk agrikoli), bħar-responsabbiltà tad-detentur lejn partijiet terzi, nar, għargħar, għajr primjums tal-assigurazzjoni li jkopru inċidenti fuq il-post tax-xogħol, li jidhru taħt il-kodiċi 1010 ta' din it-tabella. Huma inklużi l-primjums ta' assigurazzjoni għall-bini.

5061. Taxxi u drittijiet oħrajn marbuta mal-azjenda agrikola

It-taxxi u d-drittijiet l-oħrajn kollha relatati mal-kummerċ tal-azjenda agrikola, inklużi dawk imposti f'konnessjoni mal-miżuri ta' ħarsien ambjentali, imma esklużi l-VAT u t-taxxi imposti fuq art, bini jew xogħol. Taxxi diretti fuq id-dħul tad-detentur ma għandhomx jingħaddu mal-ispejjeż tal-azjenda.

5062. Taxxi u pagamenti oħrajn fuq art u bini

Taxxi, rati u pagamenti oħrajn pagabbli fir-rigward ta' titolu ta' proprjetà ta' art agrikola u bini okkupati mis-sid jew taħt skemi ta' qsim tal-uċuħ tar-raba'.

5070. Kera mħallsa

Kera mħallsa (fi flus kontanti jew in natura) għal art mikrija, bini, kwoti u drittijiet oħrajn għall-kummerċ tal-azjenda. Għandha tiddaħħal biss il-parti kummerċjali tal-irziezet u ta' bini ieħor mikri. Spejjeż ta' kiri ta' kwoti mhux marbuta mal-art għandhom jiddaħħlu wkoll fit-Tabella E.

5071. Kera mħallsa għall-art

5080. Imgħax u pagamenti finanzjarji mħallsa

Imgħaxijiet u pagamenti finanzjarji fuq kapital misluf (self) miksub għall-iskopijiet tal-azjenda. Din l-informazzjoni hija obbligatorja.

Is-sussidji fuq l-interessi m'għandhomx jitnaqqsu, imma għandhom jiddaħħlu fit-Tabella M taħt il-kodiċi 3550.

5090. Spejjeż ġenerali oħrajn tal-biedja

L-ispejjeż l-oħrajn kollha tal-biedja mhux imsemmija taħt il-kodiċijiet preċedenti (miżati tal-kontabilisti, servizzi segretarjali u spejjeż tal-uffiċċju, spejjeż tat-telefown, kontribuzzjonijiet u abbonamenti mħalltin, eċċ.).

▼B

Tabella I.

Uċuħ tar-raba'

Struttura tat-tabella

Kategorija ta' wċuħ tar-raba'	Kodiċi (*)
Tip ta' wċuħ tar-raba'	Kodiċi (**)
►C2 Informazzjoni ◄ nieqsa	Kodiċi (***)

Grupp ta' informazzjoni		Kolonni					
		Erja totali	Parti msaqqija	Parti għat-tkabbir ta' wċuħ għall-enerġija	Parti għall-OĠM	Kwantità	Valur
		TA	**IR**	**EN**	**GM**	**Q**	**V**
A	Erja					—	—
OV	Valutazzjoni tal-ftuħ	—	—	—	—	—	
CV	Valutazzjoni tal-għeluq	—	—	—	—	—	
PR	Produzzjoni	—	—	—	—		—
SA	Bejgħ	—	—	—	—		
FC	Awtokonsum u benefiċċji in natura	—	—	—	—	—	
FU	Użu tal-azjenda	—	—	—	—	—	

Għall-kategorija ta' wċuħ tar-raba' għandhom jintużaw il-kodiċijiet li ġejjin:

▼M5

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni
Ċereali għall-produzzjoni tal-ħbub (inkluż iż-żrieragħ)	
10110	Qamħ komuni u spelt
10120	Qamħ durum
10130	Segala u taħlitiet ta' ċereali tax-xitwa (maslin)
10140	Xgħir
10150	Ħafur u taħlitiet ta' ċereali tar-rebbiegħa (ħbub imħallta għajr il-maslin)
10160	Żerriegħa tal-qamħirrum u taħlita taċ-ċifċiegħa tal-qamħirrum
10170	Ross
10190	Tritikal, sorgu u ċereali oħra n.e.c. (qamħ Saraċin, millieġ, skalora, eċċ.)

▼M5

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni
Bus u ħemes imnixxfa u għelejjel li fihom il-proteini għall-produzzjoni tal-ħbub (inkluż żerriegħa u taħlitiet ta' ċereali u bus u ħemes)	
10210	Piżelli tal-għalqa, fażola u lupin ħelu
10220	Għads, ċiċri u ġulbiena
10290	Għelejjel oħra tal-proteini
10300	Patata (inkluż patata bikrija u patata taż-żrigħ)
10310	- li minnha patata għal-lamtu
10390	- li minnha patata oħra
10400	Pitrava ħelwa (għajr iż-żerriegħa)
10500	Għelejjel oħra tal-għeruq n.e.c.
Għelejjel industrijali	
10601	Tabakk
10602	Ħops
10603	Qoton
10604	Kolza u żrieragħ tal-kolza tan-nevew
10605	Żerriegħa tal-ġirasol
10606	Sojja
10607	Żerriegħa tal-kittien (kittien għaż-żejt)
10608	Għelejjel oħra taż-żerriegħa taż-żejt n.e.c.
10609	Fibra tal-kittien
10610	Qanneb
10611	Għelejjel tal-fibra oħra n.e.c.
10612	Pjanti aromatiċi, mediċinali u kulinarji
10613	Kannamieli
10690	Għelejjel għall-enerġija u industrijali oħrajn n.e.c.
Ħxejjex friski, bettieħ u frawli li minnhom:	
Ħxejjex friski, bettieħ u frawli – Imkabbrin barra jew taħt għata protettiva (mhux aċċessibbli) fil-baxx	
10711	Ħxejjex friski (inkluż il-bettieħ) u frawli - Għelieqi fil-miftuħ
10712	Ħxejjex friski (inkluż il-bettieħ) u frawli - Ortikultura kummerċjali
10720	Ħxejjex friski, inkluż bettieħ u frawli taħt il-ħġieġ jew għata aċċessibbli fil-għoli

▼M5

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni
Dettalji għas-sottokategoriji kollha ta' "ħxejjex friski (inkluż il-bettieħ) u frawli":	
10731	Pastard u brokkli
10732	Ħass
10733	Tadam
10734	Qamħirrum ħelu
10735	Basal
10736	Tewm
10737	Zunnarija
10738	Frawli
10739	Bettieħ
10790	Ħxejjex oħra
Fjuri u pjanti ornamentali (għajr il-mixtliet)	
10810	Fjuri u pjanti ornamentali (għajr il-mixtliet)
10820	Fjuri u pjanti ornamentali (għajr il-mixtliet) taħt il-ħġieġ jew għata aċċessibbli fil-għoli
Dettalji għas-sottokategoriji kollha ta' "fjuri u pjanti ornamentali (għajr il-mixtliet)"	
10830	Basal tal-fjuri, basal tal-qasab u tuberi
10840	Fjuri u blanzuni tal-fjuri maqtugħa
10850	Fjuri u pjanti ornamentali
Pjanti maħsuda fi stadju bikri	
10910	Ħxejjex u mergħat temporanji
Pjanti oħra maħsuda fi stadju bikri	
10921	Qamħirrum aħdar
10922	Pjanti leguminużi maħsuda fi stadju bikri
10923	Pjanti u ċereali oħra (għajr il-qamħirrum aħdar) maħsuda fi stadju bikri n.e.c.
Żrieragħ u nebbieta u għelejjel oħra mir-raba'	
11000	Żrieragħ u nebbieta
11100	Għelejjel oħra mir-raba'
Art mistrieħa	
11200	Art mistrieħa

▼M5

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni
Ġonna kulinarji	
20000	Ġonna kulinarji
Bwar permanenti	
30100	Mergħat u ragħa, għajr il-mergħat mhux ikkultivati
30200	Mergħat mhux ikkultivati
30300	Bwar permanenti li ma għadhomx jintużaw għal skopijiet ta' produzzjoni u eliġibbli għall-ħlas tas-sussidji
Għelejjel permanenti	
Speċijiet tal-frott, fosthom:	
40101	Frott taż-żerriegħa
40111	- li minnhom tuffieħ
40112	- li minnhom lanġas
40102	Frott tal-għadma
40113	- li minnhom ħawħ u nuċiprisk
40115	Frott minn żoni klimatiċi subtropikali u tropikali
40120	Frott artab (għajr il-frawli)
40130	Ġwież
Pjantaġġuni taċ-ċitru	
40200	Frott taċ-ċitru
40210	- li minnhom larinġ
40230	- li minnhom lumi
Pjantaġġuni taż-żebbuġ	
40310	Żebbuġ tal-mejda
40320	Żebbuġ għall-produzzjoni taż-żejt (mibjugħ f'għamla ta' frott)
40330	Żejt taż-żebbuġa
40340	Prodotti sekondarji taż-żebbuġ
Dwieli	
40411	Inbid b'denominazzjoni ta' oriġini protetta (DOP)
40412	Inbid b'indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP)
40420	Inbejjed oħra
40430	Għeneb tal-mejda
40440	Għeneb għaż-żbib

▼M5

Kodiċi (*)	Deskrizzjoni
40451	Għeneb għall-inbid b'denominazzjoni ta' oriġini protetta (DOP)
40452	Għeneb għall-inbid b'indikazzjoni ġeografika protetta (IĠP)
40460	Għeneb għal inbejjed oħra
40470	Prodotti mixxellanji tad-dwieli: most tal-għeneb, meraq, brandi, ħall u oħrajn magħmula fl-azjenda agrikola
40480	Prodotti sekondarji tad-dwieli (karfa tal-għeneb, fond tal-inbid)
Mixtliet, għelejjel permanenti oħra, għelejjel permanenti taħt il-ħġieġ jew għata aċċessibbli fil-għoli u pjantaġġuni żgħar	
40500	Mixtliet
40600	Għelejjel permanenti oħra
40610	- li minnhom siġar tal-Milied
40700	Għelejjel permanenti taħt il-ħġieġ jew għata aċċessibbli fil-għoli
40800	Tkabbir ta' pjantaġġuni żgħar
Artijiet oħra	
50100	Art agrikola mhux użata
50200	Żona msaġġra
50210	- li minnha msaġar b'rotazzjoni qasira
50900	Artijiet oħra (artijiet okkupati mill-bini, artijiet tal-azjendi agrikoli, passaġġi, għadajjar, barrieri, art mhux għammiela, blat, eċċ.)
60000	Faqqiegħ ikkultivat
Prodotti oħra u introjtu ieħor	
90100	Introjtu mill-kiri ta' artijiet agrikoli lil ħaddieħor
90200	Kumpens minn assigurazzjoni tal-għelejjel mhux allokabbli għal għelejjel speċifiċi
90300	Prodotti sekondarji tal-għelejjel għajr iż-żebbuġ u d-dwieli
90310	Tiben
90320	Fjur tal-pitravi ħelwin
90330	Prodotti sekondarji oħra
90900	Oħrajn

▼B

Il-kodiċi tat-tipi ta' wċuħ tar-raba' għandhom jingħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi (**)	Deskrizzjoni
0	**Mhux applikabbli:** dan il-kodiċi għandu jintuża fil-każijiet ta' prodotti pproċessati, ħażniet u prodotti sekondarji.
1	**Uċuħ tal-għalqa** — **uċuħ tar-raba' ewlenin**, uċuħ tar-raba' kkombinati: l-uċuħ tal-għalqa ewlenin u kkombinati jikkonsistu f'dawn li ġejjin: — uċuħ tar-raba' waħdiena, jiġifieri li jkunu l-uniċi mkabbra f'żona partikolari matul is-sena ta' kontabbiltà, — uċuħ tar-raba' mħallta: uċuħ tar-raba' miżrugħa, ikkultivati u maħsuda flimkien u li jipproduċu taħlita bħala l-prodott finali, ►C1 — fil-każ ta' uċuħ tar-raba' mkabbra suċċessivament matul is-sena ta' kontabbiltà f'żona partikolari, il-wiċċ tar-raba' li jdum l-aktar fl-art, ◄ — uċuħ tar-raba' mkabbra għal xi żmien flimkien fl-istess art u li kull wieħed minnhom normalment jipproduċi ħsad distint waqt is-sena ta' kontabbiltà. L-erja totali hija diviża bejn dawn l-uċuħ tar-raba' fi proporzjon mal-erja li tkun fil-fatt okkupata minn kull wieħed, — ħaxix frisk, bettieħ u frawli- f'għelieqi fil-miftuħ
2	**Uċuħ tal-għalqa** — **uċuħ tar-raba' b'segwitu:** l-uċuħ tal-għalqa b'segwitu jikkonsistu f'uċuħ tar-raba' mkabbra wara xulxin matul is-sena ta' kontabbiltà f'żona partikolari u mhux meqjusa bħala wċuħ tar-raba' ewlenin.
3	**Uċuħ tal-ġardinaġġ kummerċjali u fjuri mkabbra fil-miftuħ:** l-uċuħ tal-ġardinaġġ kummerċjali u l-fjuri mkabbra fil-miftuħ jikkonsistu fi ħxejjex friski, bettieħ u frawli mkabbra f'ġonna kummerċjali fil-miftuħ u fjuri u pjanti ornamentali mkabbra fil-miftuħ.
4	**Uċuħ tar-raba' taħt kenn aċċessibbli:** uċuħ tar-raba' taħt kenn aċċessibbli jikkonsistu fi ħxejjex friski, bettieħ u frawli taħt kenn, fjuri u pjanti ornamentali (annwali jew perenni) taħt kenn, uċuħ tar-raba' permanenti taħt kenn.

Il-kodiċijiet tal-►C2 informazzjoni ◄ nieqsa għandhom jingħażlu mil-lista ta' hawn taħt:

Kodiċi (***)	Deskrizzjoni
0	L-ebda ►C2 informazzjoni ◄ nieqsa
1	L-ebda entrata rigward l-erja: dan il-kodiċi għandu jiddaħħal meta ma tingħatax l-erja koperta mill-uċuħ tar-raba', pereżempju fil-każ ta' bejgħ ta' prodotti ta' wċuħ tar-raba' li jistgħu jitqiegħdu fis-suq, mixtrija bħala wċuħ tar-raba' weqfin jew li jiġu minn art mikrija għal perjodu ta' inqas minn sena fuq bażi okkażjonali.
2	L-ebda entrata rigward il-produzzjoni (taħt kuntratt): dan il-kodiċi għandu jiddaħħal għall-uċuħ tar-raba' taħt kuntratt meta, minħabba l-kundizzjonijiet tal-bejgħ, il-produzzjoni attwali ma tistax tiġi dikjarata.
3	L-ebda entrata rigward il-produzzjoni (mhux taħt kuntratt): dan il-kodiċi għandu jiddaħħal meta, minħabba l-kundizzjonijiet tal-bejgħ, il-produzzjoni attwali ma tistax tiġi dikjarata u l-uċuħ tar-raba' ma jkunux taħt kuntratt.
4	L-ebda entrata rigward l-erja u l-produzzjoni: dan il-kodiċi għandu jiddaħħal meta l-erja u l-produzzjoni attwali jkunu nieqsa.

▼B

L-informazzjoni dwar il-produzzjoni tal-uċuħ tar-raba' matul is-sena ta' kontabbiltà għandha tiġi rreġistrata fil-format tat-Tabella I "Uċuħ tar-raba'". L-informazzjoni dwar kull wiċċ tar-raba' għandha tiġi rreġistrata f'rekord separat. Il-kontenut tat-tabella huwa ddefinit billi jingħażlu l-kategorija ta' kodiċi tal-wiċċ tar-raba', it-tip ta' kodiċi tal-wiċċ tar-raba' u l-kodiċi tal-►C2 informazzjoni ◄ nieqsa.

Informazzjoni ddettaljata rigward il-patata (kodiċijiet 10310, 10390), il-ħxejjex friski, il-bettieħ u l-frawli (kodiċijiet 10731, 10732, 10733, 10734, 10735, 10736, 10737, 10738, 10739, 10790), il-fjuri u l-pjanti ornamentali (kodiċijiet 10830, 10840, 10850) u l-prodotti sekondarji tal-uċuħ tar-raba' differenti miż-żebbuġ u d-dielja (kodiċijiet 90310, 90320, 90330) għandha tingħata biss jekk l-►C2 informazzjoni ◄ tkun disponibbli fil-kontijiet tal-azjenda agrikola.

GRUPPI TA' INFORMAZZJONI FIT-TABELLA I

It-Tabella I fiha seba' ringieli, li fihom jidħlu l-gruppi ta' informazzjoni li ġejjin: l-erja (A), il-valutazzjoni tal-ftuħ (OV), il-valutazzjoni tal-għeluq (CV), il-produzzjoni (PR), il-bejgħ (SA), il-konsum tal-azjenda u l-benefiċċji in natura (FC) u l-użu tal-azjenda (FU).

It-Tabella I fiha sitt kolonni li għal kull wiċċ tar-raba' għandhom jiġu rreġistrati: l-erja totali (TA), l-erja li tissaqqa (IR), l-erja użata għall-uċuħ tar-raba' mkabbra għall-enerġija (EN), l-erja użata għall-produzzjoni ta' wċuħ tar-raba' ġenetikament immodifikati (GM), il-kwanitità tal-produzzjoni u bejgħ (Q) u l-valur (V). Fil-parti li ġejja huwa deskritt liema kolonni għandhom jimtlew għal kull grupp ta' informazzjoni:

I.A Erja

Għall-grupp ta' informazzjoni dwar l-erja (A), għandhom jiġu rreġistrati l-erja totali (TA), l-erja li tissaqqa (IR), l-erja użata għal uċuħ tar-raba' mkabbra għall-enerġija (EN) u l-erja użata għall-produzzjoni ta' wċuħ tar-raba' ġenetikament immodifikati (GM). F'kull wieħed minn dawn il-każijiet, l-erja għandha tingħata f'ares (100 ares = (1) ettaru), ħlief fil-każ tal-artijiet użati għat-tkabbir tal-faqqiegħ, fejn din tingħata f'metri kwadri.

I.OV Valutazzjoni tal-ftuħ

Għall-grupp ta' informazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-ftuħ (OV), għandu jiġi rreġistrat il-valur (V) tal-prodotti maħżuna (ħażna) fil-bidu tas-sena ta' kontabbiltà. Il-prodotti għandhom ikunu vvalutati skont il-prezzijiet mogħtijin f'xatbet ir-razzett fil-jum tal-valutazzjoni.

I.CV Valutazzjoni tal-għeluq

Għall-grupp ta' informazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-għeluq (CV), għandu jiġi rreġistrat il-valur (V) tal-prodotti maħżuna (ħażna) fi tmiem is-sena ta' kontabbiltà. Il-prodotti għandhom ikunu vvalutati skont il-prezzijiet mogħtijin f'xatbet ir-razzett fil-jum tal-valutazzjoni.

I.PR Produzzjoni

